IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.6.2025
COM(2025) 826 final

2025/0826 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2025) 825 final} - {SWD(2025) 826 final} - {SWD(2026) 825 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tnedija mill-ġdid tas-suq Ewropew tat-titolizzazzjoni tista' tgħin biex jiżdied l-ammont ta' finanzjament disponibbli għall-ekonomija reali. Dan huwa aktar importanti minn qatt qabel fl-ambjent ekonomiku u ġeopolitiku attwali fejn l-Unjoni qed tiffaċċja ħtiġijiet sinifikanti ta' investiment biex tibqa' reżiljenti u kompetittiva. Swieq tat-titolizzazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb jistgħu jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku ogħla u jiffaċilitaw il-finanzjament tal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, inklużi l-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjali, billi jippermettu lill-banek jittrasferixxu r-riskji lejn dawk li huma l-aktar adattati biex jerfgħuhom u b'hekk jilliberaw il-kapital tagħhom. Il-banek huma mistennija jużaw dan il-kapital għal self addizzjonali lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Permezz tar-ridistribuzzjoni tar-riskju fi ħdan is-sistema finanzjarja usa', it-titolizzazzjoni tista' tipprovdi wkoll lill-investituri tas-suq kapitali b'aktar opportunitajiet ta' investiment. Il-qafas tat-titolizzazzjoni attwali tal-UE qed iżomm lura lill-ekonomija tal-UE milli tisfrutta ħafna mill-benefiċċji li tista' toffri t-titolizzazzjoni.

Ir-rapporti ta' Enrico Letta[1] u Mario Draghi[2] rrakkomandaw it-titolizzazzjoni bħala mezz ta' tisħiħ tal-kapaċità ta' self tal-banek tal-Unjoni Ewropea għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-prijoritajiet tal-UE inklużi d-difiża, il-ħolqien ta' swieq kapitali aktar profondi , il-bini tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u ż-żieda fil-kompetittività tal-UE.

Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni Ewropea tidentifika miżuri biex tniedi mill-ġdid is-suq Ewropew tat-titolizzazzjoni, inkluż "permezz ta' bidliet regolatorji u prudenzjali, bl-użu tal-ispazju disponibbli għall-immanuvrar"[3] u biex tipproponi malajr, fl-2025, qafas tat-titolizzazzjoni rivedut[4]. Hemm ukoll sejħa għal azzjoni minn ħafna partijiet ikkonċernati, inklużi l-emittenti, l-investituri u s-superviżuri, biex jiġu indirizzati l-ostakli li qed ifixklu l-iżvilupp tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE[5].

Il-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE ġie stabbilit wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 u wieġeb għal tħassib dwar titolizzazzjonijiet riskjużi tal-Istati Uniti. Dak iż-żmien, tqis li kienu meħtieġa rekwiżiti stretti biex tiġi rrestawrata r-reputazzjoni tas-suq tat-titolizzazzjoni li kien qed isofri minħabba protezzjonijiet inadegwati u sfiduċja serja mill-investituri. Issa li ġew integrati sew salvagwardji xierqa fl-organizzazzjoni tas-suq u t-titolizzazzjoni qed terġa' tikseb il-fiduċja tal-investituri, jeħtieġ li jinstab bilanċ aħjar bejn is-salvagwardji u l-opportunitajiet ta' tkabbir - kemm għall-investimenti kif ukoll għall-ħruġ. L-esperjenza bil-qafas tindika li huwa wisq konservattiv u jillimita l-użu potenzjali tat-titolizzazzjonijiet fl-UE. Il-kostijiet operazzjonali għoljin u r-rekwiżiti ta' kapital konservattivi żżejjed iżommu lil ħafna emittenti u investituri milli jidħlu fis-suq tat-titolizzazzjoni.

Ir-rieżami għandu l-għan li jirrikonoxxi l-mitiganti tar-riskju implimentati fl-oqfsa regolatorji u superviżorji tat-titolizzazzjoni tal-UE, li naqqsu b'mod sinifikanti r-riskji integrati fit-

[1] Letta, E. (2024). Much more than a market - Speed, Security, Solidarity. Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens.

[2] Draghi, M. (2024). The Future of European Competitiveness—A Competitiveness Strategy for Europe.

[3] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2024.

[4] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2025.

[5] Feedback dwar is-sejħa għal evidenza dwar ir-rieżami tal-Qafas tat-Titolizzazzjoni, id-19 ta' Frar 2025 – is-26 ta' Marzu 2025, europa.eu; feedback dwar konsultazzjoni mmirata dwar il-funzjonament tal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE tal-2024, id-9 ta' Ottubru – l-4 ta' Diċembru 2024, finance.ec.europa.eu.

tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, kif ukoll il-prestazzjoni kreditizja tajba tat-titolizzazzjonijiet tal-UE. Din il-proposta tikkontribwixxi għall-prijorità tal-Kummissjoni tal-2024-2029 ta' "Pjan ġdid għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa". Il-proposta hija komponent tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti[6], li hija l-pedament tal-mandat tal-Kummissjoni tal-2024-2029, u hija l-ewwel inizjattiva leġiżlattiva taħt l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi rikonoxxut li r-Rieżami tat-Titolizzazzjoni ma huwiex soluzzjoni perfetta. Il-proġett tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti jinkludi firxa wiesgħa ta' miżuri oħrajn u komplementari biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea tistenna li l-emendi tar-rekwiżiti mhux prudenzjali u prudenzjali previsti f'dan il-pakkett ta' proposti se jwasslu biex l-istituzzjonijiet finanzjarji jinvolvu ruħhom f'aktar attività ta' titolizzazzjoni u, b'mod importanti, biex jużaw it-tnaqqis ta' piż fuq il-kapital li jirriżulta għal self addizzjonali.

Ir-rieżami propost tal-qafas tat-titolizzazzjoni għandu l-għan li jneħħi ostakli bla bżonn għall-ħruġ u għall-investiment fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE, speċifikament:

- Biex inaqqas il-kostijiet operazzjonali eċċessivi għall-emittenti u għall-investituri, filwaqt li joħloq bilanċ ma' standards adegwati tat-trasparenza, tal-protezzjoni tal-investituri u tas-superviżjoni.
- Biex jaġġusta l-qafas prudenzjali għall-banek u għall-assiguraturi, sabiex jitqiesu aħjar ir-riskji reali u jitneħħew il-kostijiet prudenzjali bla bżonn meta jinħarġu u jsir investiment fit-titolizzazzjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin tiġi salvagwardata l-istabbiltà finanzjarja.

Is-salvagwardji ewlenin tal-istabbiltà finanzjarja fil-qafas (ir-ritenzjoni tar-riskju, il-projbizzjoni fuq ir-rititolizzazzjoni, l-istandards robusti tal-għoti ta' kreditu) mhux se jiġu affettwati minn din ir-riforma. Barra minn hekk, il-bidliet proposti huma akkumpanjati minn bidliet fil-qafas superviżorju li jtejbu l-konverġenza superviżorja u jiżguraw li l-qafas superviżorju jkun adattat għal suq tat-titolizzazzjoni tal-UE li qed jikber.

Ir-rieżami tal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE għandu l-għan li jneħħi l-ostakli indebiti li jfixklu t-tkabbir u l-iżvilupp tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE, iżda mingħajr ma jintroduċi riskji għall-istabbiltà finanzjarja, għall-integrità tas-suq jew għall-protezzjoni tal-investituri. Sabiex jinkiseb dan, ir-riformi proposti huma mmirati bir-reqqa biex jindirizzaw impedimenti speċifiċi għall-ħruġ u għall-investiment (mhux bankarju). Ir-rieżami jipprevedi bidliet f'erba' atti legali:

- proposta leġiżlattiva li temenda r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament dwar it-Titolizzazzjoni"[7]), li jistabbilixxi regoli tal-prodotti u regoli tal-kondotta għall-emittenti u l-investituri
- proposta li temenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital" jew "CRR"[8]), li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' kapital għall-banek li jżommu u jinvestu fit-titolizzazzjoni, kif ukoll

[6] https://finance.ec.europa.eu/document/download/13085856-09c8-4040-918e-890a1ed7dbf2_en?filename=250319-communication-savings-investmlents-union_mt.pdf

[7] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012, ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2402/oj).

- emendi ta' żewġ Regolamenti delegati: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 (l-"Att Delegat dwar il-Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità (LCR, Liquidity Coverage Ratio")[9]), li jirregola l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-assi li għandhom jiġu inklużi fir-riżervi ta' likwidità tal-banek, u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 (l-"Att Delegat dwar is-Solvenza II (SII)"[10]), li jirregola r-rekwiżiti ta' kapital għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

Il-bidliet previsti għandhom l-għan li jagħmlu titjib immirat fil-qafas, aktar milli jirriformawh. Dawk il-bidliet għandhom jitqiesu bħala pakkett, peress li l-ebda wieħed mill-komponenti individwali mhu se jikseb ir-riżultat mixtieq waħdu. L-elementi tal-pakkett jindirizzaw kemm in-naħa tal-provvista kif ukoll dik tad-domanda tas-suq u jsaħħu lil xulxin biex jipproduċu l-impatt mixtieq. Is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u t-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' kapital se jnaqqsu kemm l-ostakli għad-dħul kif ukoll jagħmluha orħos għall-banek biex joriġinaw it-titolizzazzjonijiet. Is-simplifikazzjoni tad-diliġenza dovuta u l-emendar tal-allokazzjonijiet ta' kapital u t-trattament tal-likwidità se jagħmluha aktar faċli u aktar attraenti li jsir investiment fit-titolizzazzjoni. Bażi tal-investituri akbar u aktar dinamika se tinċentiva wkoll aktar ħruġ. It-tnedija mill-ġdid tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE hija kwistjoni kumplessa li titlob li jsiru bidliet f'diversi partijiet tal-qafas biex jitrawmu l-provvista u d-domanda fis-suq tat-titolizzazzjoni.

Ir-regolamentazzjoni waħedha hija limitata f'termini ta' stimolu tal-iżvilupp ta' dan is-suq: il-parteċipanti fis-suq iridu wkoll jinvolvu ruħhom u jagħmlu l-parti tagħhom, eż. billi jħaddnu l-istandardizzazzjoni u l-inizjattivi fl-industrija kollha lejn segmenti speċifiċi – mingħajr sforzi tal-parteċipanti fis-suq, it-tkabbir tas-suq ma huwiex se jkun possibbli.

Diversi kontributi infurmaw dan ir-rieżami, inkluż ir-rapport tal-EBA tal-2020 dwar it-trasferiment tar-riskju sinifikanti, ir-rapport tal-BERS dwar il-Monitoraġġ tar-riskji sistemiċi fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE tal-2020, ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2022 dwar ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, il-parir tal-Kumitat Konġunt tal-ASE tal-2022 dwar il-qafas prudenzjali, il-konsultazzjoni mmirata tal-2024 dwar il-funzjonament tal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE, u l-Ir-Rapport tal-2025 tal-Kumitat Konġunt dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-qafas tat-titolizzazzjoni. Il-Kummissjoni organizzat ukoll diversi laqgħat bilaterali mal-partijiet ikkonċernati kif ukoll sessjoni ta' ħidma f'Lulju 2024 biex tiddiskuti l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar il-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE.

F'termini ta' żmien, l-emendi tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital huma adottati mill-Kummissjoni flimkien. Fl-istess data, l-abbozzi ta' emendi tar-Regolament Delegat dwar il-Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità għandhom jiġu ppubblikati fuq Semma' Leħnek għal konsultazzjoni ta' 4 ġimgħat. Il-Kummissjoni qed tippjana li tadotta abbozzi ta' emendi tar-Regolament Delegat dwar is-Solvenza II f'pakkett

---

8 Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

9 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, ĠU L 11 17.1.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/61/oj).))

10 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/35/oj)

usa' ta' emendi ta' dak ir-Regolament li huwa mistenni li jiġi ppubblikat għall-konsultazzjoni fit-tieni nofs ta' Lulju ta' din is-sena.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-reviżjoni għad-dispożizzjonijiet mhux prudenzjali tal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE taħt ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni hija parti minn pakkett leġiżlattiv usa' li jinkludi emendi tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, tal-Att Delegat dwar il-Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità u tal-Att Delegat dwar is-Solvenza II. Il-bidliet proposti ġew abbozzati biex jiżguraw il-konsistenza fid-diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni u bl-istess objettiv ġenerali.

Il-proposta attwali tallinja d-dispożizzjonijiet dwar id-delega tal-kompiti ta' diliġenza dovuta ma' dawk li jinsabu fid-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-"AIFMD")[11].

Minbarra l-bidliet leġiżlattivi inklużi f'dan il-pakkett, il-Kummissjoni qed tikkunsidra wkoll li temenda l-limitu tal-emittent fl-Impriżi għall-Investiment Kollettiv fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Direttiva UCITS")[12] fil-kuntest tar-rieżami ġenerali li jmiss tad-Direttiva UCITS. Id-Direttiva UCITS timponi limitu fuq il-fondi tal-UCITS biex ma jinġabrux aktar minn 10 % tat-titoli ta' dejn ta' korp emittenti wieħed. F'każ ta' titolizzazzjoni dan ifisser li l-fondi tal-UCITS jitħallew jinvestu biss sa 10 % fi ħruġ ta' titolizzazzjoni wieħed peress li l-entità ta' titolizzazzjoni nnifisha titqies bħala l-emittent.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Billi tagħmel il-qafas ta' titolizzazzjoni tal-UE inqas oneruż u, aktar ibbażat fuq il-prinċipji, il-proposta attwali tikkontribwixxi wkoll għall-isforz attwali tal-Kummissjoni kollha biex taqta' l-burokrazija u tissimplifika l-ambjent tan-negozju kif imħabbar fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2025.

Ir-rieżami tal-qafas tat-titolizzazzjoni huwa wkoll konformi mal-istrateġija aktar wiesgħa tal-Kummissjoni Ewropea biex tiġi reġuvinata l-ekonomija tal-UE, kif deskritt fil-Boxxla għall-Kompetittività. Billi tneħħi l-ostakli bla bżonn għall-ħruġ u l-investiment fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura li l-ekonomija tal-UE tkun tista' tibbenefika minn opportunitajiet ta' kondiviżjoni tar-riskji u finanzjament akbar, biex b'hekk jiġu appoġġati t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-UE.

Parti mill-ostakli identifikati għall-ħruġ u għall-investiment tirriżulta minn kostijiet operazzjonali għoljin marbuta mar-regolament. Għalhekk, it-tneħħija ta' dawn il-kostijiet hija wkoll konformi mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "A Simpler and Faster Europe", li tenfasizza t-tnaqqis tal-piż regolatorju kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq in-negozji.

---

11 Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010, ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/61/oj).

12 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (riformulazzjoni), ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj).

Fl-aħħar nett, il-proposta hija konsistenti mal-objettiv tal-Unjoni li tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja billi tiżgura li s-swieq tat-titolizzazzjoni joperaw b'mod trasparenti, prudenti u reżiljenti.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali tar-Regolament (UE) 2017/2402 hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jagħti lill-istituzzjonijiet Ewropej il-kompetenza li jistabbilixxu dispożizzjonijiet xierqa li għandhom bħala l-objettiv tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq uniku. Il-proposta tintroduċi emendi mmirati tar-Regolament (UE) 2017/2402 u għalhekk hija bbażata fuq l-istess bażi legali.

B'mod partikolari, l-Artikolu 114 tat-TFUE jagħti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill il-kompetenza li jadottaw miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li, bħala għan, għandhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. L-Artikolu 114 tat-TFUE jippermetti lill-Unjoni tieħu miżuri mhux biss biex telimina l-ostakli attwali għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, iżda wkoll biex tipprevjeni, dejjem jekk ikunu konkretament prevedibbli biżżejjed, l-emerġenza ta' tali ostakli, inklużi dawk li jagħmluha diffiċli biex l-operaturi ekonomiċi, inklużi l-investituri, jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji tas-suq intern.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prodotti tat-titolizzazzjoni huma segment importanti tas-swieq finanzjarji tal-UE, u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni finanzjarja tal-Unjoni. It-titolizzazzjoni torbot l-istituzzjonijiet finanzjarji minn setturi differenti tas-swieq finanzjarji u minn Stati Membri u ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE differenti u tista' tqajjem kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja jekk ma tkunx irregolata kif xieraq. Għalhekk, it-titolizzazzjoni teħtieġ regolamentazzjoni fil-livell tal-Unjoni.

L-għan tal-proposta huwa li tagħmel il-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE inqas oneruż, u aktar ibbażat fuq il-prinċipji. Il-kisba ta' dak l-objettiv se tfisser li l-istituzzjonijiet finanzjarji madwar l-Unjoni jkunu kapaċi jużaw it-titolizzazzjoni aħjar bħala għodda biex japprofondixxu s-swieq kapitali tal-UE, jiddiversifikaw il-profil tar-riskju tagħhom u biex jilliberaw il-karti tal-bilanċ tal-banek għal self addizzjonali lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji tal-UE. L-azzjoni fil-livell tal-UE tiżgura wkoll livell għoli ta' stabbiltà finanzjarja madwar l-UE. B'mod ġenerali, dak għandu l-għan li jikkontribwixxi għal ekonomija tal-UE aktar kompetittiva u reżiljenti.

B'mod partikolari, il-proposta teżamina ċerti dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta, it-trasparenza u s-superviżjoni[13]. Hija biss l-azzjoni fil-livell tal-UE li tista' tiżgura li fil-futur, dawk id-dispożizzjonijiet regolatorji jiġu applikati b'mod uniformi u jiggarantixxu l-eżistenza tal-qafas regolatorju stabbilit sew fir-rigward tal-bidu u l-eżerċizzju tat-titolizzazzjoni u tan-negozju fis-Suq Uniku. Dan huwa speċjalment importanti peress li l-maġġoranza tal-attività

[13] Il-bidliet immirati fis-superviżjoni għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament effettiv tas-superviżjoni taħt il-qafas eżistenti. Dawk l-aġġustamenti għandhom l-għan li jappoġġaw prattiki superviżorji aktar konsistenti u jiffaċilitaw l-attività ta' titolizzazzjoni transfruntiera fl-Unjoni. Billi jiċċaraw ċerti aspetti u jiżguraw delineazzjoni aktar ċara tar-responsabbiltajiet, l-emendi proposti huma mistennija li jrawmu konverġenza superviżorja akbar mingħajr ma jimponu obbligi ġodda sinifikanti fuq il-partijiet ikkonċernati

ta’ titolizzazzjoni tal-UE hija kkonċentrata f’għadd żgħir ta’ Stati Membri tal-UE. Qafas regolatorju għall-Unjoni kollha huwa fundamentali biex jiffaċilita t-titolizzazzjonijiet transfruntieri, u b’mod partikolari biex jippermetti tali attività fl-Istati Membri fejn bħalissa hemm użu baxx tat-titolizzazzjonijiet b’mod ġenerali. Il-kapaċità tal-Istati Membri li jadottaw miżuri nazzjonali hija limitata, peress li l-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE eżistenti diġà jipprevedi sett armonizzat ta’ regoli fil-livell tal-UE u l-bidliet fil-livell nazzjonali jkunu konfliġġenti mad-dritt tal-Unjoni attwalment fis-seħħ.

- **Proporzjonalità**

L-għażliet ta’ politika fil-proposta huma kkunsidrati proporzjonati peress li huma mmirati lejn oqsma ewlenin bħas-simplifikazzjoni tar-regoli tat-trasparenza u tad-diliġenza dovuta mingħajr ma jikkompromettu l-istabbiltà finanzjarja jew l-integrità tas-suq. Il-miżuri huma kkalibrati biex jagħmlu l-qafas aktar proporzjonat milli huwa bħalissa, u biex jistabbilixxu approċċ immirat u bbilanċjat u jrawmu l-ħruġ, l-investiment u l-fiduċja tas-suq. Il-proporzjonalità tal-proposta hija ssostanzjata aktar mill-Valutazzjoni tal-Impatt, li tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali, filwaqt li tiżgura li l-miżuri magħżula jkunu meħtieġa u effettivi biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tar-riforma.

Fl-istess ħin, l-għażliet ta’ politika ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ddikjarati u jevitaw riforma sħiħa tal-qafas regolatorju.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija emenda tar-Regolament (UE) 2017/2402 u, għalhekk, hija proposta għal Regolament. Ma jista’ jintuża l-ebda mezz alternattiv – leġiżlattiv jew operazzjonali – biex jintlaħqu l-għanijiet ta’ din il-proposta.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Twettqet evalwazzjoni tal-qafas tat-titolizzazzjoni li tkopri l-perjodu mid-data tal-applikazzjoni tal-qafas tat-titolizzazzjoni (l-1 ta’ Jannar 2019) sal-preżent. Il-kamp ta’ applikazzjoni tagħha jinkludi l-qafas legali fl-intier tiegħu (ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, il-partijiet rilevanti tas-CRR, tal-Att Delegat LCR u tal-Att Delegat SII li jappartjenu għat-tranżazzjonijiet ta’ titolizzazzjoni).

F’konformità mal-Istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar, din teżamina jekk l-objettivi tal-qafas tat-titolizzazzjoni ntlaħqux matul il-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu (effettività) u jekk komplewx ikunu xierqa (rilevanza) u jekk il-qafas, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet u l-benefiċċji assoċjati mal-applikazzjoni tiegħu, kienx effiċjenti biex jintlaħqu l-objettivi tiegħu (effiċjenza). L-evalwazzjoni tqis ukoll jekk il-qafas tat-titolizzazzjoni, bħala leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni, ipprovdiex valur miżjud (valur miżjud tal-UE) u jekk huwiex konsistenti ma’ biċċiet ta’ leġiżlazzjoni relatati oħrajn (koerenza). L-evalwazzjoni twettqet b’mod parallel mal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta li tirrevedi l-qafas tat-titolizzazzjoni.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-qafas tat-titolizzazzjoni kien parzjalment ta’ suċċess fl-ilħuq tal-objettivi oriġinali tiegħu. Din appoġġat l-istandardizzazzjoni tal-proċessi u l-prattiki u indirizzat parzjalment l-inċertezza regolatorja. Madankollu, kellu biss suċċess parzjalment fit-

tneħħija tal-istigma assoċjata mat-titolizzazzjoni, u fit-tneħħija tal-iżvantaġġi regolatorji għal titolizzazzjonijiet sempliċi u trasparenti, minkejja t-titjib regolatorju ġab miegħu. Barra minn hekk, il-Qafas ma kienx ta' suċċess fit-tnaqqis tal-kostijiet operazzjonali għoljin u fl-espansjoni sinifikanti tas-suq tat-titolizzazzjoni fl-UE.

B'riżultat ta' dan, l-evalwazzjoni kkonkludiet li jeħtieġ li jsir aktar biex jiġi żgurat li t-titolizzazzjoni tkun tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-finanzjament tal-ekonomija tal-UE u tkompli tiżviluppa l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. B'mod aktar speċifiku, l-evalwazzjoni vvalutat li rekwiżiti legali preskrittivi ħafna fil-qasam tat-trasparenza u d-diliġenza dovuta jirriżultaw f'kostijiet operazzjonali għoljin għall-emittenti u għall-investituri fit-titolizzazzjonijiet, u li approċċ aktar ibbażat fuq il-prinċipji jista' jkun aktar xieraq. Il-qafas prudenzjali għall-banek u għall-assiguraturi ma huwiex sensittiv biżżejjed għar-riskju u n-"nonnewtralità" tal-kapital hija sproporzjonalment għolja għal ċerti tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Għalhekk, sabiex jiġu indirizzati l-ostakli prudenzjali bla bżonn, hija meħtieġa reviżjoni tat-trattament prudenzjali tat-titolizzazzjonijiet.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fit-3 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ospitat Sessjoni ta' Ħidma dwar it-Titolizzazzjoni, li stiednet rappreżentanti mill-industrija/l-assoċjazzjonijiet bankarji, mill-Ministeri, mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku tal-Bank Ċentrali Ewropew, mill-Bank Ewropew tal-Investiment, mill-assiguraturi, mill-maniġers tal-assi, mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u mill-fondi tal-pensjonijiet biex jikkondividu l-fehmiet tagħhom.

Bejn id-9 ta' Ottubru 2024 u l-4 ta' Diċembru 2024 twettqet konsultazzjoni pubblika mmirata dwar il-funzjonament tal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE. ġew riċevuti 133 tweġiba minn varjetà ta' partijiet ikkonċernati[14]. Il-konsultazzjoni nqasmet fi 12-il taqsima li fittxew li jiġbru fehmiet minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati attivi fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE dwar jekk il-qafas tat-titolizzazzjoni laħaqx u kompliex jilħaq l-objettivi tiegħu f'termini ta' sikurezza tas-suq, tnaqqis tal-kostijiet operazzjonali u sensittività għar-riskju prudenzjali. Il-konsultazzjoni ntużat ukoll biex jinġabar feedback dwar l-operazzjoni tal-istandard dwar it-titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS, simple, transparent and standardised), l-effettività tas-superviżjoni, u l-prospett ta' pjattaforma/i ta' titolizzazzjoni futura/i. Barra minn hekk, il-Kummissjoni organizzat sensiela ta' laqgħat bilaterali ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati li kkonfermaw il-feedback li diġà ġie riċevut.

Il-feedback miġbur f'dik il-konsultazzjoni huwa rifless fl-evalwazzjoni tal-qafas tat-titolizzazzjoni.

Bejn id-19 ta' Frar 2025 u s-26 ta' Marzu 2025, tnediet sejħa għal evidenza[15] biex jintalab feedback mill-partijiet ikkonċernati dwar ir-rieżami tal-qafas tat-titolizzazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati ntalbu jipprovdu fehmiet dwar il-fehim tal-problema u s-soluzzjonijiet possibbli tal-Kummissjoni, u jipprovdu informazzjoni rilevanti. 34 rispondent wieġbu għas-sejħa għal

[14] Disponibbli fuq https://finance.ec.europa.eu/regulation-and-supervision/consultations-0/targeted-consultation-functioning-eu-securitisation-framework-2024_en

[15] Titoli u swieq - rieżami tal-Qafas tat-Titolizzazzjoni

evidenza u ppreżentaw il-fehmiet tagħhom[16] . Minn dawk l-34 rispondent, 26[17] kienu wieġbu wkoll għall-konsultazzjoni mmirata tal-2024, bil-fehmiet tagħhom jibqgħu, b'mod ġenerali, l-istess. Il-punti li tressqu minn dawk li wieġbu għall-ewwel darba kienu wkoll konsistenti mal-feedback tal-konsultazzjoni mmirata li kien wasal qabel.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

It-tħejjija ta' din il-proposta bbenefikat minn kontribut espert estensiv, inklużi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, laqgħat, u ħidma analitika mwettqa mill-ASE. B'mod partikolari, l-ASE bagħtu r-rapporti tal-Kumitat Konġunt tal-Artikolu 44 tal-2021 u l-2025 dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni[18]. Dawk ir-rapporti ffukaw fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ġenerali applikabbli għat-titolizzazzjonijiet, inklużi r-rekwiżiti taż-żamma tar-riskju, tad-diliġenza dovuta u tat-trasparenza, u rekwiżiti speċifiċi relatati mat-titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS), fir-rigward tal-objettiv oriġinali tal-Qafas li jikkontribwixxi għall-irkupru tajjeb tal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE.

L-awtoritajiet nazzjonali ġew ikkonsultati fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro+ (EWG+, Eurogroup Working Group+), il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji tal-Kunsill, u l-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni. Diversi Stati Membri wieġbu wkoll għall-Konsultazzjoni Mmirata permezz tal-ministeri tal-finanzi tagħhom u involvew ruħhom mal-Kummissjoni b'mod bilaterali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Għat-tħejjija ta' dan ir-rieżami tħejjiet Valutazzjoni tal-Impatt u ġiet diskussa ma' Grupp ta' Tmexxija Interservizzi. Ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt ġie sottomess lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fit-12 ta' Marzu 2025. Il-laqgħa tal-bord saret fid-9 ta' April 2025. Il-Bord ta opinjoni pożittiva u talab bidliet u kontribut addizzjonali fl-oqsma li ġejjin: id-definizzjoni u s-sostanzjar tal-problemi; aktar dettall dwar l-għażliet ivvalutati u l-kompromessi assoċjati; valutazzjoni addizzjonali dwar l-impatti kkombinati tal-għażliet, b'mod partikolari fir-rigward tal-livelli ta' riskju relattivi tagħhom u l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja. Dawk il-kwistjonijiet ġew indirizzati u inkorporati fil-verżjoni finali li hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni u ppubblikati flimkien ma' din il-proposta.

Ġew identifikati għażliet ta' politika għall-pakkett kollu fi tliet oqsma ewlenin. Ġew ikkunsidrati għażliet biex (i) jitnaqqsu l-kostijiet operazzjonali għoljin, (ii) jitnaqqsu l-ostakli prudenzjali bla bżonn għall-banek biex joħorġu u jinvestu fit-titolizzazzjoni, u (iii) jitneħħew il-kostijiet prudenzjali bla bżonn għall-assiguraturi biex jinvestu fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE. Dik il-valutazzjoni rriżultat f'"sett" ta' għażliet preferuti li, meħuda flimkien, tqiesu li jilħqu bl-aħjar mod l-objettivi ddikjarati.

Biex jitnaqqsu l-kostijiet operazzjonali għoljin (stmati għal 780 miljun fis-sena għas-suq kollu), ġie kkunsidrat sett ta' miżuri kemm immirat kif ukoll usa'. Dawk l-għażliet jinvolvu, fi

[16] Rispondent wieħed għamel żewġ kontributi separati (sostanzjalment simili); rispondent ieħor issottometta tliet kontributi separati. Għalhekk, waslu 37 kontribut, minn 34 rispondent individwali.

[17] Ir-rispondenti li kienu diġà wieġbu għall-konsultazzjoni mmirata rrappreżentaw: 7 kumpaniji/negozji, 15-il assoċjazzjoni tan-negozju, 2 organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs, non-governmental organisations), 2 rispondenti tali identifikati bħala "oħrajn"

[18] https://www.eiopa.europa.eu/system/files/2021-05/jc-2021-31-jc-report-on-the-implementation-and-functioning-of-the-securitisation-regulation.pdf

gradi differenti, is-simplifikazzjoni u t-tneħħija ta' ċerti rekwiżiti ta' diliġenza dovuta u trasparenza li jitqiesu duplikati jew preskrittivi żżejjed (eż., it-tneħħija tar-rekwiżiti ta' verifika għat-tranżazzjonijiet tal-UE u s-simplifikazzjoni tal-mudelli ta' rapportar). L-għażla ppreferuta tagħna tirriżulta f'iffrankar tal-kostijiet ta' 310 miljun fis-sena. Bl-istess mod, ġew ivvalutati bidliet immirati u aktar radikali fil-qafas prudenzjali eżistenti għall-banek. Dawk iffukaw fuq aġġustamenti għas-CRR u l-LCR, li jfittxu li jiżguraw sensittività akbar għar-riskju għat-trattament kapitali tat-titolizzazzjoni għall-banek, iwessgħu l-eliġibbiltà tat-titolizzazzjonijiet għar-riżervi ta' likwidità tal-banek, u jagħmlu l-valutazzjoni tas-superviżuri tal-eliġibbiltà tat-tranżazzjonijiet għat-tnaqqis ta' piż fuq il-kapital taħt il-Qafas ta' Trasferiment tar-Riskju Sinifikanti aktar rapida u koerenti. Reviżjoni fundamentali tal-qafas prudenzjali għall-banek kienet għażla oħra kkunsidrata. Sabiex jitneħħew id-diżinċentivi għall-assiguraturi biex jinvestu fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE, ġew ivvalutati tliet għażliet, li jinvolvu gradi u modalitajiet differenti ta' tnaqqis fir-rekwiżiti ta' kapital għall-assiguraturi li jinvestu fit-titolizzazzjonijiet.

Abbażi tal-valutazzjoni komparattiva f'termini ta' effettività, effiċjenza u koerenza, intgħażel pakkett preferut ta' miżuri mhux prudenzjali u prudenzjali li tqiesu l-aħjar perkors għall-UE biex tnaqqas il-piż u l-kostijiet ta' konformità għall-emittenti u l-investituri, biex terġa' tagħti l-ħajja lis-suq tat-titolizzazzjoni u ttejjeb il-kompetittività tas-sistema finanzjarja tal-UE. L-istituzzjonijiet finanzjarji madwar l-UE se jiffaċċjaw reġim ta' trasparenza u diliġenza dovuta aktar sempliċi u inqas għali u aktar sensittività għar-riskju fir-rigward tar-riskju attwali tal-investiment fit-titolizzazzjoni.

Il-valutazzjoni tal-impatt tad-diversi għażliet ta' politika ffukat primarjament fuq l-impatti ekonomiċi u regolatorji tagħhom. L-għażliet jistgħu jitqiesu li għandhom biss impatti indiretti fuq kwistjonijiet soċjali, ambjentali u tad-drittijiet fundamentali. Indirettament, il-proposta ttejjeb l-aċċess għal servizzi ta' kreditu u finanzjarji, b'mod partikolari għall-korporazzjonijiet u l-SMEs, u b'hekk tippromwovi l-inklużjoni soċjali, il-ħolqien tal-impjiegi, u t-tkabbir ekonomiku. Għalkemm ma huwiex il-fokus primarju, il-proposta tista' tappoġġa indirettament is-sostenibbiltà ambjentali billi tiffaċilita l-investimenti ekoloġiċi permezz ta' aċċess għall-kapital imtejjeb u allinjament mal-oqfsa eżistenti tat-titolizzazzjoni ekoloġiċi. Ma hemm l-ebda effett dirett fuq id-drittijiet fundamentali, iżda l-inizjattiva tappoġġa l-istabbiltà finanzjarja u tikkonforma mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data, u b'hekk issaħħaħ indirettament id-drittijiet ekonomiċi u s-salvagwardji tal-privatezza.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tissimplifika u tirfina d-dispożizzjonijiet legali eżistenti li japplikaw għat-titolizzazzjonijiet, biex ittejjeb l-effiċjenza fis-suq tat-titolizzazzjoni. Għalhekk, hija ta' rilevanza għall-Programm dwar l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni (REFIT). L-għażla ppreferuta li tikkonċerna r-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni tinvolvi s-simplifikazzjoni tad-dmirijiet ta' diliġenza dovuta għan-negozji u qafas ta' trasparenza aktar effiċjenti. Billi jnaqqsu dawk l-obbligi, in-negozji se jiffaċċjaw kostijiet ta' konformità aktar baxxi, li jippermettu li jiġu allokati aktar riżorsi għal attivitajiet kummerċjali ewlenin. Filwaqt li l-emittenti jistgħu jiffaċċjaw xi kostijiet ta' adattament ta' darba, it-tnaqqis rikorrenti fil-piżijiet amministrattivi għandu jkun akbar minn dak l-infiq inizjali. Permezz ta' aġġustamenti mmirati u simplifikazzjoni strateġika, dawk il-miżuri jinsabu f'pożizzjoni li jsaħħu l-kapaċità tas-suq, jattiraw bażi usa' ta' investituri, u jħeġġu t-tkabbir ekonomiku—filwaqt li jżommu ekosistema finanzjarja reżiljenti u trasparenti.

L-għażliet ta' politika meħuda f'din il-proposta għandu jkollhom diversi effetti pożittivi fuq il-finanzjament u l-kompetittività tal-SMEs (ara l-Annessi VII u VIII tar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt).

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta x'aktarx ma jkollhiex impatt dirett fuq id-drittijiet previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni u effiċjenza ma jindirizzawx direttament il-kwistjonijiet relatati mad-data personali jew mal-privatezza. Madankollu, il-bidliet fl-istandards ta' divulgazzjoni u rapportar iridu jikkonformaw mal-liġijiet eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data biex jiżguraw is-sigurtà u l-privatezza ta' kwalunkwe data personali involuta fil-proċess tat-titolizzazzjoni.

Il-proposta għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet operazzjonali għoljin u tneħħi l-ostakli prudenzjali bla bżonn, filwaqt li tevita deterjorament bla bżonn tal-protezzjoni u tevita inċentivi għal teħid ta' riskju eċċessiv. Għalhekk din tirrappreżenta bilanċ tal-ħtieġa għal stimolu ekonomiku maż-żamma ta' standards robusti, u b'hekk timminimizza l-impatti negattivi fuq is-soċjetà. B'mod ġenerali, filwaqt li l-miżuri proposti jiffukaw l-aktar fuq ir-regolamentazzjoni finanzjarja, hemm benefiċċji indiretti potenzjali li jistgħu jinħolqu, li jħallu impatt fuq id-drittijiet soċjali, ambjentali u fundamentali b'modi li jipprovdu appoġġ u sostenibbli. L-iżgurar ta' suq tat-titolizzazzjoni stabbli jikkontribwixxi indirettament għall-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi fundamentali billi jippromwovi l-istabbiltà finanzjarja permezz tad-diversifikazzjoni tar-riskju.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta leġiżlattiva jkollha konsegwenzi limitati għall-baġit tal-Unjoni. Din se timplika aktar żvilupp tal-politika fi ħdan il-Kummissjoni u fit-tliet ASE. Se jiġu assenjati kompiti speċifiċi ta' koordinazzjoni lill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) fil-kuntest tas-sottokumitat tat-titolizzazzjoni li jirrapporta lill-Kumitat Konġunt tal-ASE. Ir-rwol tal-EBA se jinkludi li jipprovdi s-segretarjat, viċi president permanenti tal-kumitat tat-titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej imsemmi fl-Artikolu 36(3) (sottokumitat tat-titolizzazzjoni) u li jmexxi l-ħidma ta' dan is-sottokumitat, filwaqt li jiffoka, fost affarijiet oħrajn, fuq il-kwistjonijiet superviżorji, l-għoti ta' gwida lill-parteċipanti fis-suq, l-iżvilupp ta' standards tekniċi, u l-iżgurar ta' implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju fl-Unjoni. Skeda informattiva finanzjarja hija pprovduta bħala anness għal dan id-dokument.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Peress li l-istrument propost huwa Regolament li huwa bbażat b'mod sinifikanti fuq id-dritt attwali tal-UE, ma hemmx bżonn li jitħejja pjan ta' implimentazzjoni. Il-proposta hija akkumpanjata minn evalwazzjoni sħiħa, bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt, li tivvaluta, fost affarijiet oħra, kemm kienet effettiva u effiċjenti f'termini tal-ilħuq tal-objettivi tagħha. Il-proposta tipprevedi rapport ta' rieżami fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2017/2402. L-evalwazzjoni se tiġi akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq. F'dak il-kuntest, ir-rekwiżiti ta' rieżami u ta' rapportar jiġu allinjati, jekk ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan il-pakkett ta' emendi proposti, 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

**Interazzjoni u konsistenza bejn l-elementi tal-pakkett**

Din il-proposta għal Regolament tagħmel parti minn rieżami usa' tat-titolizzazzjoni li jinkludi bidliet f'żewġ Regolamenti (minbarra r-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, is-CRR) u żewġ atti delegati (l-Att Delegat dwar l-LCR u l-Att Delegat dwar is-Solvenza II). Il-bidliet proposti għandhom jitqiesu bħala pakkett ta' miżuri li jindirizza b'mod komprensiv il-kwistjonijiet tal-provvista u tad-domanda fis-suq tat-titolizzazzjoni.

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 1)**

Il-proposta tiċċara li s-servizzjant huwa entità li timmaniġġja aggregazzjoni ta' riċevibbli mixtrija jew l-iskoperturi ta' kreditu sottostanti fuq bażi minn jum għal jum u taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2402 (ir-"Regolament dwar it-Titolizzazzjoni"). L-emenda hija kjarifika u ma hijiex maħsuba biex twessa' l-kamp ta' applikazzjoni peress li servizzjant diġà huwa soġġett għar-Regolament.

**Definizzjonijiet (l-Artikolu 2)**

It-titolizzazzjonijiet pubbliċi u privati huma ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punti (32) u (33). B'mod speċifiku, "titolizzazzjoni pubblika" hija stabbilita bħala tali jekk tissodisfa kwalunkwe kundizzjoni minn dawn li ġejjin:

(i) irid jitfassal prospett;

(ii) in-noti li jikkostitwixxu pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jiġu ammessi għan-negozjar f'ċentri tan-negozjar speċifiċi,;

(iii) it-titolizzazzjoni tiġi kummerċjalizzata b'mod ġenerali lill-investituri u t-termini speċifiċi ma jkunux negozjabbli bejn il-partijiet, jiġifieri t-tranżazzjonijiet jiġu offruti lill-investituri fuq bażi ta' "dawn jew xejn".

Titolizzazzjoni privata hija waħda li ma tissodisfa l-ebda wieħed mill-kriterji msemmija hawn fuq – ma jkollhiex prospett, ma tkunx ammessa għan-negozjar, u t-termini u l-kundizzjonijiet jiġu nnegozjati b'mod bilaterali bejn l-oriġinatur u grupp żgħir ta' investituri. Il-kjarifika tad-definizzjoni ta' titolizzazzjonijiet pubbliċi u privati hija partikolarment rilevanti għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza.

**Diliġenza dovuta (l-Artikolu 5)**

Sabiex jiġi ffaċilitat investiment aktar sempliċi u aktar simplifikat fit-titolizzazzjonijiet tal-Unjoni, isiru xi emendi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402. Ir-rekwiżiti ta' verifika (l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(3), il-punt (c)) jitneħħew għall-investituri kull meta l-parti fuq in-naħa tal-bejgħ responsabbli għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fuq in-naħa tal-bejgħ tkun stabbilita u taħt superviżjoni fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tar-riskju fl-Artikolu 5(3), il-punt (a) u 5(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2017/2402 issir aktar ibbażata fuq il-prinċipji billi titneħħa l-lista dettaljata tal-karatteristiċi strutturali li l-investituri jeħtieġ li jivverifikaw u billi jiġi ċċarat fi premessa li l-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta għandha tkun proporzjonata mar-riskju tat-titolizzazzjoni. Il-proċeduri bil-miktub taħt l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2017/2402 isiru wkoll aktar ibbażati fuq il-prinċipji billi titneħħa l-lista dettaljata ta' informazzjoni fl-Artikolu 5(4), it-tieni

subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2017/2402. It-tranżazzjonijiet tas-suq sekondarju jingħataw 15-il jum addizzjonali biex jiddokumentaw id-diliġenza dovuta tagħhom. Fl-aħħar nett, id-delega tad-diliġenza dovuta taħt l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 hija allinjata ma' leġiżlazzjonijiet settorjali oħra meta d-delega tal-kompiti ma tittrasferixxix ir-responsabbiltà legali.

Tingħata eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta meta l-banek multilaterali tal-iżvilupp jiggarantixxu bis-sħiħ il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, u b'hekk dan isir riskju baxx ħafna. Dan ifisser li l-investituri jistgħu jinvestu f'pożizzjonijiet bħal dawn mingħajr ma jagħmlu kontrolli estensivi.

Id-diliġenza dovuta aktar ħafifa, speċifikament permezz tal-eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' verifika u d-dokumentazzjoni, hija pprovduta f'każ li t-titolizzazzjoni tinkludi segment tal-ewwel telf li jkun iggarantit jew miżmum minn lista ddefinita b'mod ristrett ta' entitajiet pubbliċi u meta l-ewwel segment ikun jirrappreżenta mill-inqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati.

Għall-investimenti f'pożizzjonijiet maħruġa minn emittenti mhux tal-UE, l-investituri jkomplu jkunu meħtieġa jivverifikaw li tranżazzjoni partikolari tikkonforma mar-regoli tal-UE.

**Żamma tar-riskju (l-Artikolu 6)**

Tingħata eżenzjoni miż-żamma tar-riskju f'każ li t-titolizzazzjoni tkun tinkludi segment tal-ewwel telf li jkun iggarantit jew miżmum minn lista ddefinita b'mod ristrett ta' entitajiet pubbliċi u meta dak is-segment ikun jirrappreżenta mill-inqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati.

**Trasparenza (l-Artikolu 7)**

Sabiex jitnaqqas il-piż tar-rapportar fuq l-emittenti, għandhom jiġu riveduti l-mudelli tar-rapportar fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225. B'mod partikolari, l-għadd ta' oqsma meħtieġa għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti – b'mill-inqas 35 %, jew aktar fejn ikun fattibbli. Sabiex ikompli jitnaqqas il-piż tal-konformità fuq l-entitajiet relaturi, ir-rieżami għandu jikkunsidra d-distinzjoni bejn l-oqsma obbligatorji u volontarji. Barra minn hekk, il-formoli ta' rapportar ma għandhomx jeħtieġu informazzjoni fil-livell ta' self meta l-iskoperturi sottostanti jkunu granulari ħafna u fuq terminu qasir (bħal skoperturi ta' karti tal-kreditu jew ċertu self lill-konsumatur). Ir-rieżami tal-mudelli ta' rapportar, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji msemmija hawn fuq stabbiliti f'din il-proposta, għandu jitwettaq mis-sottokumitat tat-titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-ASE, taħt it-tmexxija tal-EBA, f'kooperazzjoni mal-ASE l-oħra.

Il-mudell ta' rapportar għat-titolizzazzjonijiet privati għandu jkun ħafna eħfef minn dak għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi u jkun iffukat biss fuq il-ħtiġijiet tas-superviżuri. Sabiex jiġu mminimizzati l-kostijiet ta' implimentazzjoni għall-industrija, dan il-mudell għandu jsegwi mill-qrib mudelli ta' notifika eżistenti, b'mod partikolari l-gwida dwar in-notifika ta' tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Sabiex tiġi żgurata trasparenza akbar tas-suq u jiġu ffaċilitati s-superviżjoni u l-monitoraġġ tas-suq privat, dan il-mudell iddedikat għat-titolizzazzjonijiet privati għandu jiġi rrapportat lir-repożitorji tat-titolizzazzjoni.

**Repożitorju tat-Titolizzazzjoni (l-Artikoli 10 u 17)**

L-emendi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2017/2402 jikkoreġu referenza ħażina għall-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament, li għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-Artikolu 7. L-emendi proposti tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2017/2402 huma introdotti fid-dawl tal-emendi tal-Artikolu 7 li se jestendu r-rapport għar-repożitorju wkoll għat-titolizzazzjoni privata. Fid-dawl ta' dawk il-bidliet, ġiet proposta differenzjazzjoni fl-aċċess immedjat u mingħajr ħlas għar-repożitorju. Tali aċċess għandu jingħata lill-ASE, lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, lill-awtoritajiet kompetenti u ta' riżoluzzjoni u, fuq talba, lill-Kummissjoni Ewropea. Fid-dawl tan-natura differenti tat-titolizzazzjoni pubblika, l-aċċess jingħata wkoll lill-investituri u lill-investituri potenzjali f'titolizzazzjonijiet bħal dawn. Ir-restrizzjoni tal-aċċess tal-investituri u tal-investituri potenzjali għal titolizzazzjonijiet privati hija maħsuba biex tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni f'dawk it-titolizzazzjonijiet.

**Rekwiżiti STS (l-Artikoli 20, 26b, 26c, 26e)**

Sabiex tiġi ffaċilitata t-titolizzazzjoni tas-self lill-SMEs fit-titolizzazzjoni STS, ir-rekwiżit ta' omoġeneità fl-Artikoli 20(8), (15) u fl-Artikolu 26b(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402, għandu jiġi emendat biex jiġi stipulat li titolizzazzjoni fejn mill-inqas 70 % tal-aggregazzjoni sottostanti ta' skoperturi tikkonsisti f'self lill-SMEs titqies li tikkonforma ma' dak ir-rekwiżit. Il-limitu ta' 70 % huwa inqas mir-rekwiżit attwali ta' 100 %.

Sabiex l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikanti fis-suq fil-karta bilanċjali tal-STS, il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-protezzjonijiet tal-kreditu fl-Artikolu 26e(8) tar-Regolament (UE) 2017/2402 huma emendati biex jinkludu wkoll garanzija mhux iffinanzjata minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tissodisfa ċerti kriterji ta' robustezza, solvenza u diversifikazzjoni.

Għadd ta' emendi tekniċi oħra, iżda mhux sostantivi, jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-kriterji STS.

**Verifikaturi ta' Partijiet terzi (l-Artikolu 28)**

Il-proposta tistipula li l-Verifikaturi ta' Partijiet Terzi tal-konformità mal-STS jeħtieġ li jkunu taħt superviżjoni flimkien ma' dawk awtorizzati mill-awtorità nazzjonali kompetenti rispettiva tagħhom.

**Superviżjoni (l-Artikoli 29, 30, 32 u 36)**

Biex tippromwovi l-konverġenza superviżorja u tipprevjeni l-frammentazzjoni u l-interpretazzjonijiet regolatorji differenzjali, il-proposta ssaħħaħ ir-rwol tas-sottokumitat tat-titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-ASE. B'mod partikolari, is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni jingħata l-mandat li jadotta linji gwida biex jistabbilixxi proċeduri superviżorji komuni u jiżviluppa l-mudelli ta' rapportar imsemmija fl-Artikolu 7. Sabiex jiġu żgurati aktar responsabbiltà u kontinwità, l-EBA titqiegħed f'pożizzjoni ta' tmexxija fil-ħidma tas-sottokumitat tat-titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-ASE, se tipprovdi s-segretarjat u l-viċi president tiegħu, filwaqt li tappoġġa lill-President fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu u fit-twettiq tal-kompiti tal-president fin-nuqqas ta' dan tal-aħħar, fuq bażi permanenti.

Sabiex tiġi żgurata superviżjoni effiċjenti u konsistenti tal-kriterji STS, l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2017/2402 għandu jagħti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali bankarji r-responsabbiltà li jwettqu s-superviżjoni tal-applikazzjoni tal-kriterji STS minn

titolizzazzjonijiet li joriġinaw mill-banek. Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Unjoni Bankarja, dik is-superviżjoni titwettaq mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku.

Sabiex is-superviżuri jkunu jistgħu jinfurzaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2017/2402 huwa emendat biex jinkludi b'mod espliċitu fil-lista ta' sitwazzjonijiet fejn l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs) jistgħu japplikaw sanzjonijiet amministrattivi meta l-investituri istituzzjonali jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

**Rapporti u Rieżami (l-Artikoli 44 u 46)**

Il-mandat kontinwu fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2017/2402 għall-ASE biex jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament huwa aġġornat biex jeħtieġ ukoll valutazzjoni tal-kontribut tat-titolizzazzjoni għall-finanzjament tal-kumpaniji u tal-ekonomija tal-UE.

Il-Kummissjoni għandha l-mandat li tirrevedi l-funzjonament ta' dan ir-Regolament emendatorju sa 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni tiegħu. Fejn xieraq, ir-rapport jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

2025/0826 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) It-titolizzazzjoni tista' tagħti spinta lill-investiment billi tippermetti lill-banek jittrasferixxu r-riskji lil dawk li jistgħu jġarrbuhom u b'hekk jilliberaw il-kapital tagħhom, li jistgħu jużaw għal self addizzjonali lil unitajiet domestiċi u negozji, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19], li jkopri kemm it-titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) kif ukoll titolizzazzjonijiet mhux STS, saħħaħ it-trasparenza, is-sikurezza u l-istandardizzazzjoni tas-suq. Fl-istess ħin, dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ssimplifikat aktar biex jiġu sfruttati aktar bis-sħiħ il-benefiċċji li jistgħu joffru t-titolizzazzjonijiet.

(2) Huwa importanti li l-istituzzjonijiet finanzjarji jużaw il-kapital tagħhom fejn huwa l-aktar meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ekonomiċi tal-Unjoni u biex tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali. Minbarra l-flessibbiltà prevista mir-regoli eżistenti, il-bidliet immirati fir-Regolament (UE) 2017/2402 jiżguraw li l-qafas tat-titolizzazzjoni tal-Unjoni jappoġġa aħjar l-investimenti fl-ekonomija u jiffaċilita s-self lin-negozji.

(3) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u jiġi żgurat trattament regolatorju konsistenti li għandu l-għan li jnaqqas il-kostijiet għall-emittenti, jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' titolizzazzjoni pubblika u privata. L-ambitu tat-titolizzazzjonijiet

[19] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2402/oj).

pubbliċi jenħtieġ li jkopri tranżazzjonijiet fejn in-noti sottostanti jiġu ammessi għan-negozjar fi swieq regolati, f'Faċilitajiet Multilaterali tan-Negozjar (MTFs), f'Faċilitajiet Organizzati tan-Negozjar (OTFs), jew fi kwalunkwe ċentru tan-negozjar ieħor fl-Unjoni, u tranżazzjonijiet ikkummerċjalizzati lill-investituri taħt termini u kundizzjonijiet li ma jistgħux jinbidlu meta l-pakkett jiġi offrut fuq bażi ta' "dan jew xejn" u l-investituri ma jkollhom l-ebda kuntatt dirett mal-oriġinatur jew l-isponsor u għalhekk ma jkunux jistgħu jirċievu l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu d-diliġenza dovuta mingħajr ma l-oriġinatur jew l-isponsor jiddivulgaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva lis-suq. Id-definizzjoni ta' dawk it-tipi ta' tranżazzjonijiet bħala pubbliċi, bis-saħħa tal-aċċessibbiltà tagħhom għal firxa wiesgħa ta' investituri, jenħtieġ li tiżgura li tali tranżazzjonijiet ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' trasparenza u għall-iskrutinju regolatorju xierqa u jikkontribwixxu għal sorveljanza u funzjonament aħjar tas-suq.

(4) Ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-profil tar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Għalhekk, id-diliġenza dovuta tal-investituri jenħtieġ li tkun iffukata fuq il-karatteristiċi tar-riskji u l-karatteristiċi strutturali li jistgħu jaffettwaw materjalment il-prestazzjoni tat-titolizzazzjoni, filwaqt li jiġu evitati obbligi duplikati, ta' piż żejjed jew ġeneriċi li jistgħu ma jkunux sinifikanti bejn it-tipi differenti ta' titolizzazzjoni. Għall-istess raġuni, l-obbligi ta' diliġenza dovuta jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet mhux meħtieġa għall-investituri—b'mod partikolari f'titolizzazzjonijiet b'riskju aktar baxx—u titrawwem imġiba tal-investituri aktar proporzjonata u sensittiva għar-riskju fis-suq tat-titolizzazzjoni.

(5) L-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali, l-isponsors jew l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni (SSPEs,) (l-"entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ") li huma stabbiliti fl-Unjoni diġà huma soġġetti għal superviżjoni fl-Unjoni u jistgħu jiġu ssanzjonati f'każ li jiksru l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Għalhekk huwa xieraq li l-investituri ma jibqgħux meħtieġa jivverifikaw jekk l-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ tal-Unjoni jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402, meta dawk l-entitajiet ikunu responsabbli f'isem il-partijiet fuq in-naħa tal-bejgħ fit-tranżazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-investituri xorta waħda jivverifikaw jekk ikkonformawx mal-obbligi tagħhom li għalihom huma responsabbli l-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2017/2402.

(6) Jenħtieġ li s-segmenti superjuri, li tipikament jibbenefikaw minn titjib sostanzjali tal-kreditu u li joħolqu riskju aktar baxx, ikunu jeħtieġu rieżami inqas estensiv tad-diliġenza dovuta mis-segmenti subordinati jew intermedji, li jassumu riskju ogħla u skopertura akbar għat-telf. Dak l-approċċ proporzjonali jappoġġa allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi mill-investituri u jevita piżijiet eċċessivi għal investimenti b'riskju baxx.

(7) Peress li l-konformità mar-rekwiżiti STS diġà hija soġġetta għal sorveljanza u notifika regolatorji separati, l-obbligu għall-investituri li jivverifikaw il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti huwa żejjed. Barra minn hekk, il-verifika tal-konformità mal-kriterji STS ma hijiex rilevanti għat-tipi kollha ta' investituri. Għalhekk, ir-rekwiżit korrispondenti jenħtieġ li jitħassar.

(8) L-investituri jenħtieġ li jitħallew iwettqu diliġenza dovuta simplifikata għal investimenti fi tranżazzjonijiet ripetuti fejn il-karatteristiċi tar-riskju ewlenin diġà huma mifhuma sew. Għal dawk il-finijiet, l-investiment fi tranżazzjonijiet ripetuti jenħtieġ li jitqies bħala investiment f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni maħruġa mill-

istess oriġinatur, iggarantiti mill-istess tip ta' assi sottostanti, li juri l-istess karatteristiċi strutturali, u li joffri l-istess livell jew livell aktar baxx ta' riskju ta' kreditu meta mqabbel ma' investimenti preċedenti. Dik il-bidla jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza fil-prattiki ta' diliġenza dovuta filwaqt li tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-investituri fi strutturi magħrufa sew u trasparenti.

(9) Il-banek multilaterali tal-iżvilupp jista' jkollhom rwol sinifikanti fl-iffaċilitar tal-aċċess tal-investituri għas-swieq tat-titolizzazzjoni, fit-titjib tal-likwidità, u fl-appoġġ tal-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti. Meta pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun garantita b'mod sħiħ, mingħajr kundizzjoni u b'mod irrevokabbli minn bank multilaterali tal-iżvilupp elenkat fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], ir-riskju ta' kreditu li jirriżulta mill-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni jiġi ttrasferit b'mod effettiv mill-grupp ta' assi sottostanti lill-garanti, li jirriżulta f'piż tar-riskju ta' 0 % ta' tali skopertura. Barra minn hekk, tali pożizzjoni ta' titolizzazzjoni hija kkategorizzata bħala assi tal-Livell 1 taħt l-Artikolu 10(1), il-punt (g), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61[21]. F'każijiet bħal dawn, huwa xieraq li l-investituri istituzzjonali, ħlief l-entità li tipprovdi l-garanzija, jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tagħhom bis-sħiħ skont ir-Regolament (UE) 2017/2402.

(10) It-tranżazzjonijiet fejn is-segment tal-ewwel telf ikun jew miżmum jew inkella ggarantit mill-Unjoni, mill-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] b'mod inerenti għandhom karatteristiċi li jimmitigaw il-ħtieġa li ssir id-diliġenza dovuta sħiħa u li jitwettaq ir-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn it-tranżazzjonijiet huma soġġetti għal assigurazzjoni mill-garanti, li jwettaq il-proċessi tad-diliġenza dovuta qabel ma jagħti dik il-garanzija. Din il-valutazjzoni tneħħi l-ħtieġa li l-investituri istituzzjonali jwettqu valutazzjoni sħiħa tad-diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Barra minn hekk, l-essenza ta' garanzija hija li l-garanti jassumi r-riskju. Għalhekk, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn il-bidliet huma mistennija jinkludu l-investiment privat fi strutturi bi tnaqqis tar-riskji b'garanzija pubblika.

(11) Investitur istituzzjonali li jiddelega l-awtorità biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-investiment lil investitur istituzzjonali ieħor jenħtieġ li jkun jista' jagħti struzzjonijiet lid-delegat biex iwettaq l-obbligi tad-diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402. Madankollu, jenħtieġ li tali delega ma tittrasferixxix ir-responsabbiltà legali. L-investitur istituzzjonali li jiddelega jenħtieġ li jibqa' fl-aħħar mill-aħħar responsabbli biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta. Dik l-ispeċifikazzjoni hija maħsuba biex tirrifletti l-prattika regolatorja stabbilita u

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

[21] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/61/oj).

[22] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

biex tiżgura li l-obbligi jiġu ssodisfati b'mod effettiv filwaqt li jinżammu linji ċari ta' akkontabilità.

(12) Ir-rekwiżiti tad-divulgazzjoni jenħtieġ li jikkunsidraw il-granularità tal-aggregazzjoni sottostanti tal-iskoperturi, jiġifieri kemm ikun hemm self fl-aggregazzjoni sottostanti. Barra minn hekk, huwa importanti li titqies il-maturità medja tal-iskoperturi sottostanti. Id-divulgazzjoni fil-livell ta' self għal aggregazzjonijiet granulari ħafna ta' skoperturi fuq terminu qasir ħafna tista' tkun partikolarment għalja u tinvolvi piż konsiderevoli għall-emittenti, spiss mingħajr ma toffri benefiċċji sinifikanti f'termini ta' informazzjoni addizzjonali lill-investituri. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għat-titolizzazzjonijiet ta' skoperturi tal-karti tal-kreditu u ċerti tipi ta' self lill-konsumatur ma għandhomx ikunu meħtieġa jinkludu r-rapportar fil-livell ta' kull skopertura sottostanti individwali. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti xorta jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jitolbu informazzjoni addizzjonali biex jiżguraw li jkollhom għarfien ġenerali tas-suq, inkluż dwar l-iskoperturi li jikkostitwixxu l-aggregazzjoni sottostanti, fit-twettiq ta' dmirijiethom skont ir-Regolament (UE) 2017/2402.

(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[23] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq u ta' piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. Il-mudelli ta' rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta' oqsma obbligatorji tad-data. Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis ta' mill-inqas 35 % tal-oqsma obbligatorji tad-data. Il-konverżjoni ta' ċerti oqsma obbligatorji f'oqsma volontarji tista' żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta' użu tad-data.

(14) Il-qafas ta' rapportar jenħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tat-titolizzazzjonijiet privati. Jenħtieġ li jiġi żviluppat mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għat-titolizzazzjonijiet privati. Meta jiġu speċifikati d-dettalji tar-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ li l-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi rrapportata tkun allinjata kemm jista' jkun mill-qrib ma' mudelli oħrajn li jkunu stabbiliti sew, b'mod partikolari mal-gwida dwar in-notifika ta' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni żviluppata mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 6(5), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[24]. Kwalunkwe bidla futura fil-gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li tiġi vvalutata u jista' jkun meħtieġ li l-mudelli ta' rapportar jiġu riveduti, fejn xieraq. Sabiex is-superviżuri jkollhom viżibbiltà bażika tas-suq privat, jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji. Jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati ma jkunux meħtieġa jirrapportaw l-istess ammont ta' informazzjoni bħat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. Il-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet privati jirrapportaw lir-

---

[23] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).

repożitorji tat-titolizzazzjoni, bl-użu ta' mudell simplifikat, għandha ttejjeb is-sorveljanza superviżorja u l-monitoraġġ tas-suq. Madankollu, sabiex tinżamm il-kunfidenzjalità tat-tranżazzjonijiet privati, jenħtieġ li d-data minn dawk it-tranżazzjonijiet ma tiġix divulgata pubblikament.

(15) Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (il-"Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt - JCSC"), imsemmi fl-Artikolu 36(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402, taħt it-tmexxija tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), jenħtieġ li jiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiġi speċifikata aktar l-informazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE għandhom jipprovdu biex jikkonformaw mal-obbligu ta' rapportar. Dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji jenħtieġ jqisu l-utilità tal-informazzjoni għad-detentur tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, jekk it-titolizzazzjoni hijiex pubblika jew privata, jekk il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni hijiex ta' natura b'terminu qasir u, fil-każ ta' tranżazzjoni ta' programm ta' karta kummerċjali iggarantita permezz ta' assi (ABCP), jekk hijiex kompletament appoġġata minn sponsor. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 billi tadotta dawk l-istandards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25], ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-JCSC, taħt it-tmexxija tal-EBA, jiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jispeċifika l-format għall-għoti tal-informazzjoni lir-repożitorji. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u f'konformità mar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

(16) Sabiex jiġi appoġġat l-aċċess għall-finanzjament ibbażat fuq is-suq għall-SMEs, u biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' titolizzazzjonijiet transfruntieri li jinvolvu skoperturi minn diversi Stati Membri, jenħtieġ li jiġu riveduti l-kriterji għall-omoġeneità tal-gruppi ta' assi. Filwaqt li huwa possibbli li jkun hemm titolizzazzjonijiet li jinvolvu skoperturi minn diversi Stati Membri, ir-rekwiżit ta' omoġeneità, kif definit fil-preżent, jitqies bħala ostaklu għat-titolizzazzjonijiet tal-SMEs. Sabiex jingħeleb dak l-ostaklu, aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti jenħtieġ li titqies omoġenja meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-oriġinazzjoni jkunu jikkonsistu minn skoperturi għall-SMEs. Dak il-limitu aktar baxx jirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-finanzjament tal-SMEs u jiżgura li l-aggregazzjonijiet imħallta ma' komponent predominanti tal-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw miċ-ċertezza legali u mill-effiċjenzi operazzjonali assoċjati ma' aggregazzjonijiet omoġeni. Il-porzjon li jifdal tal-aggregazzjoni jenħtieġ

---

[25] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj?locale=mt).

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48)

[27] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

li jitħalla jinkludi tipi oħra ta' skoperturi, anke minn Stati Membri differenti, mingħajr ma jiġi affettwat l-istatus tat-titolizzazzjoni bħala STS.

(17) Fl-2021, ir-Regolament (UE) 2017/2402 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] biex jestendi l-qafas STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi. Kif indikat fir-rapport tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, dik l-estensjoni tat-tikketta STS wasslet għal riżultati sodisfaċenti f'termini tal-ftuħ tat-triq għal ħruġ ġdid u t-tħeġġiġ ta' aktar attività f'dan is-segment tas-suq. Madankollu, l-implimentazzjoni prattika tar-rekwiżiti STS żvelat il-ħtieġa li jittejbu aktar iċ-ċarezza u l-konsistenza f'rekwiżiti speċifiċi b'xi aġġustamenti tekniċi.

(18) Sabiex jiġi żgurat li l-għażla konsistenti tal-iskoperturi sottostanti f'titolizzazzjoni u sabiex l-investituri jkunu jistgħu jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu tal-grupp ta' assi qabel l-investiment, il-ġestjoni attiva tal-portafoll fuq bażi diskrezzjonali ta' skopertura ta' titolizzazzjoni hija pprojbita. L-Artikolu 26b tar-Regolament (UE) 2017/2402 fih lista eżawrjenti ta' attivitajiet ta' ġestjoni permessi u jistipula li ċerti attivitajiet jenħtieġ li ma jitqisux bħala ġestjoni attiva tal-portafoll fuq bażi diskrezzjonali u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux ipprojbiti. Huwa meħtieġ li dik il-lista tiġi aġġornata biex tinkludi assorbimenti minħabba sanzjonijiet imposti fuq entità matul il-ħajja tat-tranżazzjoni jew prattiki frawdolenti, jew emendi tas-self minħabba bidla fil-liġi li taffettwa l-infurzabbiltà, li huma barra mill-kontroll tal-oriġinatur. Iż-żewġ ċirkostanzi jkollhom impatt fuq l-infurzabbiltà tal-iskoperturi sottostanti (lil hinn mill-kontroll tal-oriġinatur) u t-tneħħija ta' dawk l-iskoperturi sottostanti jenħtieġ li ma titqiesx bħala ġestjoni attiva tal-portafoll fuq bażi diskrezzjonali.

(19) Il-kriterji relatati mal-istandardizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 26c tar-Regolament (UE) 2017/2402 jiddeskrivu l-mekkaniżmi għall-allokazzjoni tat-telf għad-detenturi tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u jiddeterminaw l-applikazzjoni ta' diversi metodi ta' amortizzament għas-segmenti. L-għan ċentrali ta' dawk il-kriterji huwa li jiżguraw li l-amortizzament mhux sekwenzjali jintuża biss meta jkun akkumpanjat minn skattaturi kuntrattwali speċifikati b'mod distint. Dawk l-iskattaturi huma maħsuba biex iwasslu għal bidla lejn pagamenti sekwenzjali bbażati fuq il-ġerarkija tal-anzjanità, u b'hekk jipproteġu t-tranżazzjoni mill-amortizzament prematura tat-titjib tal-kreditu fil-każ ta' tnaqqis fil-kwalità tal-kreditu. Tali amortizzament qabel iż-żmien jista' jesponi lill-oriġinaturi li jkollhom dawk is-segmenti għal riskji assoċjati ma' riżerva ta' titjib tal-kreditu li tonqos. Madankollu, dawk il-kriterji jonqsu milli jikkunsidraw b'mod adegwat il-kapaċità ta' telf ta' segmenti subordinati għas-segmenti protetti f'titolizzazzjoni, li twassal għal applikazzjoni ħażina meta jiġu interpretati litteralment fil-kuntest ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi li jinkludu segmenti intermedji. Dawk il-kriterji jassumu b'mod mhux intenzjonat li t-telf assoċjat kollu jaqa' biss fuq is-segment protett, u b'hekk jinjoraw l-assenjazzjoni għal segmenti aktar subordinati. Għalhekk jenħtieġ li jiġi speċifikat li, f'każijiet fejn is-segmenti subordinati jassorbu porzjonijiet tat-telf tal-iskopertura sottostanti, il-kapaċitajiet tagħhom li jġarrbu t-telf jenħtieġ li jitqiesu għall-applikazzjoni tal-kriterji.

[28] Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/557/oj).

(20) L-Artikolu 26e(3) tar-Regolament (UE) 2017/2402 bħalissa jispeċifika li l-primjums tal-protezzjoni tal-kreditu li għandhom jitħallsu taħt il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu għandhom jiġu strutturati bħala kontinġenti fuq l-ammont nominali pendenti tal-iskoperturi titolizzati produttivi fil-mument tal-pagament u jirriflettu r-riskju tas-segment protett. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-ftehim dwar il-protezzjoni tal-kreditu mill-perspettiva tal-oriġinaturi u fl-istess ħin tiġi pprovduta ċertezza legali għall-investituri fid-data tat-terminazzjoni biex jagħmlu pagamenti billi jiġi speċifikat il-perjodu massimu ta' estensjoni għar-ristrutturar tad-dejn, jenħtieġ li jiġi speċifikat li huma permessi biss primjums għall-protezzjoni tal-kreditu kontinġenti fuq id-daqs tas-segment pendenti u r-riskju ta' kreditu tas-segment protett.

(21) L-Artikolu 26e(7) tar-Regolament (UE) 2017/2402 jispeċifika l-kundizzjonijiet skont liema oriġinatur jista' jimpenja marġni pożittiv sintetiku bħala titjib fil-kreditu għall-investituri. Waħda minn dawk il-kundizzjonijiet hija li, għall-oriġinaturi li ma jużawx l-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kalkolu tat-telf mistenni ta' sena tal-portafoll sottostanti għandu jiġi ddeterminat b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni. Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti għall-marġni pożittiv sintetiku impenjat mill-oriġinatur u disponibbli bħala titjib tal-kreditu għall-investituri, ġie introdott kriterju speċifiku fl-emenda tal-2021 tar-Regolament (UE) 2017/2402. L-applikazzjoni ta' dan il-kriterju wriet li teħtieġ kjarifika ulterjuri. Barra minn hekk, ġiet identifikata inkonsistenza fir-rigward tar-rekwiżiti għall-oriġinaturi li ma jużawx l-approċċ IRB. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li jiġi emendat biex jallinja mal-intenzjoni li jiġi stabbilit limitu massimu, ekwivalenti għat-telf mistenni ta' sena, fuq l-ammont totali ta' marġni pożittiv sintetiku li l-oriġinatur għandu jimpenja fis-sena, u b'hekk jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza fl-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni.

(22) Il-kriterju attwali li jirrikjedi l-protezzjoni tal-kreditu għandu jiġi ffinanzjat fil-qafas STS għat-titolizzazzjoni sintetika fil-karta bilanċjali taħt ir-reġim STS illimita l-kapaċità tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jipparteċipaw fis-suq tat-titolizzazzjoni STS fil-karta bilanċjali. Dan huwa ta' detriment għall-iżvilupp tas-suq STS u l-kapaċità tal-oriġinaturi li jittrasferixxu r-riskju ta' kreditu barra mis-sistema bankarja. Madankollu, biex il-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjat titħalla tkun eliġibbli għat-tikketta STS, jenħtieġ li din ma timminax il-kwalità tat-tikketta STS jew l-affidabbiltà tal-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu, u jenħtieġ ukoll li ma toħloqx inċentivi biex l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mingħajr esperjenza jew mhux diversifikati jsiru esposti għal livelli għoljin ta' riskju. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiġi żgurat li l-parteċipazzjoni tkun limitata għall-assiguraturi b'ċertu livell ta' robustezza u diversifikazzjoni. Għalhekk, l-eliġibbiltà għall-forniment ta' protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata taħt it-tikketta STS jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rekwiżiti relatati mad-diversifikazzjoni, is-solvenza, il-kejl tar-riskju, u d-daqs minimu tal-fornitur tal-protezzjoni. B'mod speċifiku, fir-rigward tal-kejl tar-riskju, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tuża mudell intern approvat biex tikkalkula r-rekwiżiti tal-kapital għal tali ftehimiet ta' protezzjoni tal-kreditu. Fir-rigward tas-solvenza, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu msemmi fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u jenħtieġ li tkun ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar. Fir-rigward tad-diversifikazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li topera b'mod effettiv attivitajiet ta' negozju f'mill-inqas żewġ klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja, li jenħtieġ li jnaqqsu l-esponiment żejjed għal kwalunkwe tip ta' riskju uniku. Fl-aħħar

nett, fir-rigward tad-daqs minimu, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li jkollha assi totali ta' aktar minn EUR 20 biljun.

(23) Il-verifikaturi ta' partijiet terzi għandhom rwol fil-valutazzjoni tal-konformità tat-titolizzazzjonijiet mal-kriterji STS. Ir-Regolament (UE) 2017/2402 jirrikjedi biss li l-verifikaturi ta' partijiet terzi jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Tali awtorizzazzjoni hija, madankollu, ta' assigurazzjoni limitata jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux f'pożizzjoni li jivvalutaw jekk dawk il-verifikaturi ta' partijiet terzi għadhomx jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom fuq bażi kontinwa. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-awtoritajiet kompetenti huma responsabbli wkoll għas-superviżjoni kontinwa ta' tali verifikaturi ta' partijiet terzi u jingħataw is-setgħa adegwata biex jagħmlu dan.

(24) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tar-Regolament (UE) 2017/2402, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti fis-superviżjoni tal-konformità tal-partijiet rilevanti kollha involuti f'titolizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jissorveljaw l-imġiba tal-oriġinaturi, tal-isponsors, tal-mutwanti oriġinali, u tal-SSPEs. Dan jinkludi verifika ta' jekk tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni individwali jikkonformawx mar-rekwiżiti applikabbli skont dan ir-Regolament.

(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu, jenħtieġ li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-solidità u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom. Sabiex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-Unjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li jiġi speċifikat li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett għal miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet kompetenti.

(26) It-trawwim tal-konverġenza superviżorja huwa essenzjali għall-funzjonament xieraq u għall-iżvilupp ulterjuri tas-suq tat-titolizzazzjoni li jlaqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' atturi ekonomiċi li spiss ikunu bbażati f'ġuriżdizzjonijiet differenti, anke għall-istess tranżazzjoni. L-involviment ta' diversi awtoritajiet kompetenti, flimkien mal-kumplessità attwali tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja. Is-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-oqfsa eżistenti għall-koordinazzjoni superviżorja, fejn fattibbli, jenħtieġ li jappoġġaw l-għan usa' ta' simplifikazzjoni fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni. Tista' tinkiseb konverġenza aktar b'saħħitha bl-użu aktar effiċjenti u effettiv tas-setgħat eżistenti allokati lill-ASE u lill-awtoritajiet kompetenti. Dan ir-riżultat jenħtieġ li jiġi appoġġat ukoll billi jingħata rwol aktar prominenti lill-EBA, li jenħtieġ li tassumi ġestjoni permanenti tal-kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tas-superviżjoni għas-suq tat-titolizzazzjoni fl-Unjoni.

(27) Il-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt, magħmul minn awtoritajiet kompetenti tas-suq u prudenzjali, jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li jirriżultaw mis-superviżjoni u jenħtieġ li jiffaċilita u jippromwovi l-konverġenza superviżorja permezz ta' prattiki superviżorji komuni. Il-mandat attwali tal-JCSC jenħtieġ li jiġi rieżaminat biex issir enfasi fuq il-konverġenza superviżorja u l-ħidma relatata mal-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament. Il-JCSC jista' jiltaqa' f'formati differenti jew jistabbilixxi sottogruppi għal kompiti speċifiċi skont il-kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi. L-EBA jenħtieġ li tipprovdi s-segretarjat u viċi president għall-Kumitat tat-

Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt fuq bażi permanenti, filwaqt li tissostitwixxi u tappoġġa lill-president fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. Fin-nuqqas tal-president, il-viċi president jenħtieġ li jwettaq il-kompiti tal-president, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ma jiġi elett l-ebda president. Ir-rappreżentanti ta' dan il-korp mis-suq parteċipanti u l-awtoritajiet kompetenti prudenzjali jenħtieġ li jkollhom il-livell xieraq ta' għarfien u esperjenza fi kwistjonijiet li jkunu qed jiġu diskussi. Il-monitoraġġ regolari tal-istat tas-suq u l-evalwazzjoni tal-qafas superviżorju tat-titolizzazzjoni fl-Unjoni permezz ta' rapporti ta' monitoraġġ, l-iżvilupp ta' linji gwida u reviżjonijiet regolari bejn il-pari jkomplu jsaħħu l-qafas superviżorju li jippromwovi l-aħjar prattiki (superviżorji).

(28) Minħabba li l-attività ta' titolizzazzjoni fl-Unjoni hija primarjament ikkonċentrata fis-settur bankarju, huwa xieraq li l-EBA tassumi r-rwol ta' ġestjoni permanenti fil-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt. Fl-eżerċizzju tar-rwol permanenti tagħha fil-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt, l-EBA jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari lit-tisħiħ ta' relazzjonijiet ta' ħidma b'saħħithom u kollaborattivi mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-xogħol (EIOPA) filwaqt li tqis kif xieraq il-perspettivi settorjali tagħhom. Jenħtieġ li jkun mistenni li tali koordinazzjoni superviżorja msaħħa tirriżulta f'superviżjoni aktar robusta u konsistenti tas-suq tat-titolizzazzjoni fl-Unjoni. F'din il-kapaċità, l-EBA jenħtieġ li tmexxi wkoll il-ħidma għall-iżvilupp tal-mudelli ta' divulgazzjoni kif previst fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament. Dan se jkun strumentali fit-tħejjija tas-suq għat-tkabbir antiċipat u fl-iżvilupp tal-kapaċità superviżorja u t-tħejjija biex tiġi appoġġata din l-espansjoni. L-assenjazzjoni ta' rwol ta' ġestjoni lill-EBA f'din il-kapaċità superviżorja tikkonforma mal-viżjoni strateġika ta' xenarju regolatorju effiċjenti u simplifikat.

(29) Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet transfruntieri, il-ħatra ta' superviżur ewlieni tissimplifika s-superviżjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402 u tiżgura konsistenza u koordinazzjoni aħjar fost l-awtoritajiet kompetenti differenti. Is-superviżur ewlieni jenħtieġ li jinħatar minn fost l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet involuti fit-tranżazzjoni, bid-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni jenħtieġ li tiġi indirizzata fil-livell tal-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt. Kull meta tranżazzjoni ġdida tinvolvi entitajiet taħt superviżjoni mill-istess awtoritajiet kompetenti, il-mexxej maħtur qabel jista' jżomm dak ir-rwol.

(30) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju għat-titolizzazzjonijiet jibqa' effettiv u jadatta għax-xenarju finanzjarju li qed jevolvi. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi b'mod komprensiv l-impatt u l-funzjonalità ta' dan ir-Regolament fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tiegħu, b'attenzjoni bir-reqqa għall-influwenza tiegħu fuq is-suq tat-titolizzazzjoni u l-implikazzjonijiet ekonomiċi usa' tiegħu. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jiffoka fuq aspetti kritiċi, inklużi d-dinamika tas-suq, l-aċċessibbiltà tal-kreditu b'mod partikolari għall-SMEs, l-investimenti, u l-interkonnettività tal-istituzzjonijiet finanzjarji li hija vitali għaż-żamma tal-istabbiltà tas-settur finanzjarju. Filwaqt li tikkombina l-għarfien mir-rapporti msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2017/2402 u fl-analiżijiet ulterjuri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddetermina l-ħtieġa għal aġġornamenti leġiżlattivi biex jiġi ssalvagwardjat ir-rwol tar-Regolament (UE) 2017/2402 fl-appoġġ għal ekonomija reżiljenti u dinamika fl-Unjoni Ewropea.

(31) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li s-swieq tat-titolizzazzjonijiet joperaw globalment u minħabba li jenħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern għall-investituri

istituzzjonali u għall-entitajiet kollha involuti fit-titolizzazzjoni iżda li, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(32) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/2402 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1* **Emenda tar-Regolament (UE) Nru 2017/2402**

Ir-Regolament (UE) 2017/2402 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament japplika għal investituri istituzzjonali u għal oriġinaturi, sponsors, mutwanti oriġinali, servizzjanti u entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni.";

(2) fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (32) sa (33) li ġejjin:

"(32) 'titolizzazzjoni pubblika' tfisser titolizzazzjoni li tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) irid jitfassal prospett għal dik it-titolizzazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29];

(b) it-titolizzazzjoni tiġi kummerċjalizzata b'noti li jikkostitwixxu pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (24) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30];

(c) it-titolizzazzjoni tkun ikkummerċjalizzata lill-investituri u t-termini u l-kundizzjonijiet ma jkunux negozjabbli bejn il-partijiet.

(33) 'titolizzazzjoni privata' tfisser titolizzazzjoni li ma tissodisfa l-ebda wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-punt (32)."

(3) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) jitħassar;

(ii) il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2) tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli l-

---

29 Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1129/oj).

30 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).";

informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1) f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu;

(f) fil-każ ta' skoperturi li ma jrendux, jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali jkun stabbilit f'pajjiż terz u jkun applika standards sodi fl-għażla u fl-ipprezzar tal-iskoperturi.";

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-karatteristiċi strutturali kollha tat-titolizzazzjoni li jistgħu jaffettwaw materjalment il-prestazzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;";

(ii) il-punt (c) jitħassar;

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), it-tieni subparagrafu jitħassar;

(ii) jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) fil-każ ta' investimenti f'suq sekondarju, jiddokumenta l-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta u l-verifiki f'perjodu ta' żmien raġonevoli li fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż 15-il jum kalendarju wara l-investiment.";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

"(4a) Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fejn tali pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun garantita minn bank multilaterali tal-iżvilupp elenkat fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-garanzija għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 213 u 215 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(4b) Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri istituzzjonali li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta s-segment tal-ewwel telf li jkun jirrappreżenta ta' mill-inqqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit mill-Unjoni jew mill-banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.";

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(5) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali li jiddelega jista' jagħti struzzjonijiet lill-investitur istituzzjonali delegat taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe esponiment għal titolizzazzjoni li jirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. Ir-responsabbiltà tal-investitur istituzzjonali li jiddelega taħt dan l-Artikolu ma għandhiex tkun affettwata mill-fatt li l-investitur istituzzjonali jkun iddelega l-funzjonijiet."

(4) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, jiżdied il-punt (f):

"(f) l-Unjoni."

(b) jiddaħħal il-paragrafu 5a:

"(5a) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5."

(5) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet ta' esponimenti fuq terminu qasir granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' rapportar distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tiġi rrapportata b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' rapportar applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.]."

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ASE għandhom jiżviluppaw, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 biex jispeċifikaw l-informazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE għandhom jipprovdu biex jikkonformaw mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (e), u l-paragrafu 2 filwaqt li jqisu:

(a) l-utilità tal-informazzjoni għad-detentur tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u għas-superviżuri;

(b) jekk it-titolizzazzjoni hijiex pubblika jew privata;

(c) jekk il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni hijiex ta' natura b'terminu qasir;

(d) fil-każ ta' tranżazzjoni ABCP, jekk dik it-tranżazzjoni hijiex appoġġata bis-sħiħ minn sponsor.

L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu f'konformità

mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jidħlu fis-seħħ [12-il xahar] wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni.

Mill-inqas kull 3 snin mid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jivvalutaw l-istandards tekniċi regolatorji biex jiddeterminaw ir-rilevanza u l-preċiżjoni kontinwa tagħhom, biex jiżguraw li jibqgħu effettivi, aġġornati, allinjati mal-prattiki u mal-ħtiġijiet tas-suq. L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-valutazzjoni."

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni għall-informazzjoni li għandha tiġi speċifikata f'konformità mal-paragrafu 3, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 li jispeċifikaw il-format tagħhom permezz ta' mudelli standardizzati.

L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

L-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ [12-il xahar] wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni.

Mill-inqas kull 3 snin mid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jivvalutaw l-istandards tekniċi regolatorji ta' implimentazzjoni biex jiddeterminaw ir-rilevanza u l-preċiżjoni kontinwa tagħhom, biex jiżguraw li jibqgħu effettivi, aġġornati, allinjati mal-prattiki u l-ħtiġijiet tas-suq. L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni.";

(6) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Repożitorju tat-titolizzazzjoni għandu jirreġistra mal-ESMA għall-finijiet tal-Artikolu 7 taħt il-kundizzjonijiet u l-proċedura stabbiliti f'dan l-Artikolu.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sabiex ikun eliġibbli biex jiġi rreġistrat skont dan l-Artikolu, repożitorju tat-titolizzazzjoni għandu jkun persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni, japplika proċeduri biex jivverifika l-kompletezza u l-konsistenza tal-informazzjoni magħmula disponibbli lilu skont l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament, u

jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 78 u 79 u fl-Artikolu 80(1), (2), (3), (5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, ir-referenzi għall-Artikoli 78 u 80 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u għall-Artikolu 9 tiegħu għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-Artikolu 7 ta’ dan ir-Regolament.”

(7) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(2), repożitorju tat-titolizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10 għandu jiġbor u jżomm id-dettalji tat-titolizzazzjoni. Huwa għandu jipprovdi aċċess dirett u immedjat u mingħajr ħlas lill-entitajiet kollha li ġejjin biex ikunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet, il-mandati u l-obbligi rispettivi tagħhom:

(a) l-EBA;

(b) l-EIOPA;

(c) l-ESMA;

(d) il-BERS;

(e) il-membri rilevanti tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali (SEBĊ), inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fit-twettiq tal-kompiti tiegħu fi ħdan mekkaniżmu superviżorju uniku skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013;

(f) l-awtoritajiet rilevanti li r-responsabbiltajiet u l-mandati superviżorji rispettivi tagħhom ikopru t-tranżazzjonijiet, is-swieq, il-parteċipanti u l-assi li jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament;

(g) l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni maħtura skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31];

(h) il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32];

(i) l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 29 ta’ dan ir-Regolament;

(j) il-Kummissjoni fuq talba;

(k) fil-każ ta’ titolizzazzjonijiet pubbliċi, investituri u investituri potenzjali.”

(b) fil-paragrafu 2, jitħassar il-punt (a).

(8) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 8, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

---

[31] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj).

[32] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj).

"Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni jkunu jikkonsistu minn skoperturi għall-SMEs.";

(b) fil-paragrafu 11, il-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE tistabbilixxi b'mod espliċitu l-proporzjon ta' skoperturi sottostanti ristrutturati, il-ħin u d-dettalji tar-ristrutturar, u l-prestazzjoni tagħhom mid-data tar-ristrutturar;";

(9) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"F'każ ta' titolizzazzjoni fejn l-iskoperturi sottostanti jkunu self residenzjali jew self għal karozzi, l-oriġinatur u l-isponsor għandhom jippubblikaw informazzjoni disponibbli relatata mal-prestazzjoni ambjentali tal-assi ffinanzjati minn tali self residenzjali jew self jew kirjiet għal karozza.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom ikunu responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7. Fil-każ ta' titolizzazzjoni pubblika, l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandha tkun disponibbli qabel l-ipprezzar għall-investituri potenzjali fuq talba. Fil-każ ta' titolizzazzjoni pubblika, l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) sa (d), għandha tkun disponibbli qabel l-ipprezzar mill-inqas f'forma ta' abbozz jew inizjali. Id-dokumentazzjoni finali għandha tkun disponibbli għall-investituri mhux iktar tard minn 15-il jum wara l-għeluq tat-tranżazzjoni.";

(10) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 9, il-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE tistabbilixxi b'mod espliċitu l-proporzjon ta' skoperturi sottostanti ristrutturati, il-ħin u d-dettalji tar-ristrutturar, u l-prestazzjoni tagħhom mid-data tar-ristrutturar;";

(b) fil-paragrafu 15, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs.";

(11) l-Artikolu 26b huwa emendat kif ġej:

(a) fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 7, jiżdiedu l-punti (e) u (f) li ġejjin:

"(e) kienet is-suġġett ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni jew ta' prattiki frawdolenti pprovati;

"(f) kienet soġġetta għal bidliet fil-qafas legali nazzjonali li jaffettwaw l-infurzabbiltà tal-pretensjonijiet tal-iskoperturi sottostanti.";

(b) fil-paragrafu 8, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs.";

(c) fil-paragrafu 11, il-punt (a), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-informazzjoni pprovduta mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE tistabbilixxi b'mod espliċitu l-proporzjon ta' skoperturi sottostanti ristrutturati, il-ħin u d-dettalji tar-ristrutturar, u l-prestazzjoni tagħhom mid-data tar-ristrutturar;";

(12) fl-Artikolu 26c, fil-paragrafu 5, it-tmien subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta avveniment ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 26e jkun seħħ fir-rigward ta' skoperturi sottostanti u r-ristrutturar tad-dejn għal dawk l-iskoperturi ma jkunx tlesta, l-ammont ta' protezzjoni tal-kreditu li jifdal fi kwalunkwe data ta' pagament flimkien mal-ammont ta' kwalunkwe segment miżmum li jikklassifika bħala subordinat għas-segmenti koperti mill-protezzjoni tal-kreditu li jidfal fi kwalunkwe data ta' pagament għandu jkun mill-inqas ekwivalenti għall-ammont nominali pendenti ta' dawk l-iskoperturi sottostanti, li minnu jitnaqqas l-ammont ta' kwalunkwe pagament interim magħmul fir-rigward ta' dawk l-iskoperturi sottostanti.";

(13) l-Artikolu 26e huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

W"Il-primjums għall-protezzjoni tal-kreditu li għandhom jitħallsu skont il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu għandhom ikunu strutturati bħala kontinġenti fuq id-daqs pendenti tas-segment u r-riskju tal-kreditu tas-segment protett. Għal dawk il-finijiet, il-ftehim ta' protezzjoni tal-kreditu ma għandux jistipula primjums garantiti, pagamenti bil-quddiem tal-primjum, mekkaniżmi ta' ribass jew mekkaniżmi oħra li jistgħu jevitaw jew inaqqsu l-allokazzjoni attwali tat-telf għall-investituri jew għar-ritorn ta' parti mill-primjums imħallsin lill-oriġinatur wara l-maturità tat-tranżazzjoni.";

(b) fil-paragrafu 7, il-punt (d) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(d) għal oriġinaturi li ma jużawx l-approċċ IRB imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:

(i) l-ammont totali impenjat fis-sena ma għandux ikun ogħla mit-telf mistenni ta' sena tal-portafoll għal dik is-sena;

(ii) il-kalkolu tat-telf mistenni ta' sena tal-portafoll sottostanti għandu jiġi ddeterminat b'mod ċar fid-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni.";

(c) il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li permezz tagħha r-riskju ta' kreditu jiġi ttrasferit lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(i) l-impriża tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji;

(ii) l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha msemmija fl-

Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar;

(iii) l-impriża effettivament topera attivitajiet ta' negozju f'mill-inqas żewġ klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont it-tifsira tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iv) l-assi ġestiti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu l-20 biljun euro;

(ii) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

(c) protezzjoni ta' kreditu oħra mhux imsemmija fil-punti (a), (aa) u (b) ta' dan il-paragrafu fil-forma ta' garanzija, derivattiva ta' kreditu jew nota marbuta ma' kreditu li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li l-obbligi tal-investitur ikunu żgurati minn kollateral li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 9 u 10 ta' dan l-Artikolu.";

(14) fil-paragrafu 28(1), l-ewwel subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Parti terza kif imsemmi fl-Artikolu 27(2) għandha tkun awtorizzata u taħt superviżjoni tal-awtorità kompetenti biex tivvaluta l-konformità tat-titolizzazzjonijiet mal-kriterji STS previsti fl-Artikoli 19 sa 22, l-Artikoli 23 sa 26, u l-Artikoli 26a sa 26e. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(15) l-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE, inkluż il-BĊE fir-rigward ta' kompiti speċifiċi mogħtija lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandhom iwettqu s-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:

"Għall-entitajiet taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 4a, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar biex iwettqu s-superviżjjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, tal-isponsors u tal-SSPEs mal-Artikoli 18 sa 27, u l-konformità ta' partijiet terzi mal-Artikolu 28.";

(16) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-awtorità kompetenti għandha twettaq is-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, tal-isponsors, tal-SSPEs u tal-mutwanti oriġinali ma' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 29.";

(b) il-paragrafu 5 huwa mħassar.

(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:

"(i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5;

(18) l-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mħassar

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu jiġi stabbilit sottokumitat tat-titolizzazzjoni speċifiku fil-qafas tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, fejn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib, sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-Artikoli 30 sa 34. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jitmexxa mill-EBA bil-kooperazzjoni tal-ESMA u tal-EIOPA. L-EBA għandha tipprovdi s-segretarjat u viċi president lis-sottokumitat tat-titolizzazzjoni fuq bażi permanenti. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jrawwem konverġenza superviżorja biex jiżgura prattiki superviżorji komuni. Il-membri tas-sottokumitat tat-titolizzazzjoni taħt l-amministrazzjoni tal-EBA, għandhom jikkoordinaw mill-qrib l-azzjonijiet ta' superviżjoni tagħhom sabiex jidentifikaw u jirrimedjaw il-ksur ta' dan ir-Regolament, jiżviluppaw u jippromwovu l-aħjar prassi, jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni, irawmu l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi u jipprovdu valutazzjonijiet transġuriżdizzjonali f'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' qbil. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jimmonitorja regolarment l-istat tas-suq u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

"3a. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 3 għandu sa [12-il xahar wara l-adozzjoni] jiżviluppa linji gwida biex jiġu stabbiliti proċeduri superviżorji komuni.

3b. Wara n-notifika lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 7(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ fit-tranżazzjoni għandhom jaħtru superviżur ewlieni biex jikkoordina l-azzjonijiet u jevita d-diverġenzi fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal tranżazzjonijiet li jinvolvu entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ taħt il-mandat ta' awtoritajiet kompetenti minn aktar minn Stat Membru wieħed. Awtorità kompetenti tista' tiddelega l-eżerċizzju ta' xi wħud mill-kompiti u s-setgħat jew is-setgħat kollha msemmija f'dan ir-Regolament lis-superviżur ewlieni. F'każ li l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ ma jilħqux ftehim dwar il-ħatra tas-superviżur ewlieni, is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni stabbilit skont il-paragrafu 3 għandu jaħtar is-superviżur ewlieni.";

(d) fil-paragrafu 6, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti tal-entità ssuspettata mill-ksur għandha tieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa fi żmien 15-il jum ta' xogħol biex tindirizza l-ksur identifikat u tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti, b'mod partikolari dawk tal-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE, u l-awtoritajiet kompetenti tad-detentur b'pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, meta tkun magħrufa. Awtorità kompetenti li ma taqbilx ma' awtorità kompetenti oħra dwar il-proċedura jew il-kontenut tal-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tagħha, għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha involuti dwar in-nuqqas ta' qbil tagħha mingħajr dewmien żejjed. Jekk dak in-nuqqas ta' qbil ma jiġix solvut fi żmien 3 xhur mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti jkunu ġew notifikati, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta

lill-EBA f'konformità mal-Artikolu 19 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Il-perjodu ta' konċiljazzjoni msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 għandu jkun ta' xahar.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma jaslux għal ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-EBA għandha tieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fi żmien xahar. Matul il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu titolizzazzjoni li tidher fil-lista miżmuma mill-ESMA skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament għandha tkompli titqies bħala STS skont il-Kapitolu 4 ta' dan ir-Regolament u għandha tinżamm fuq tali lista.";

(e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej

"7. Fi żmien 3 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u kull 3 snin wara dan, l-EBA, f'kooperazzjoni mal-ESMA u mal-EIOPA, għandha twettaq rieżami bejn il-pari skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 dwar l-implimentazzjoni tas-setgħat superviżorji previsti fl-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.";

(f) jitħassar il-paragrafu 8;

(19) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-kontribuzzjoni tat-titolizzazzjoni għall-finanzjament tal-kumpaniji tal-Unjoni u għall-ekonomija tal-Unjoni.";

(b) jitħassar it-tieni subparagrafu;

(20) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 46*

**Rieżami**

Sa …[PO jekk jogħġbok daħħal id-data: 5 snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva.

Dak ir-rapport għandu jikkunsidra b'mod partikolari s-sejbiet tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 44, u għandu jivvaluta:

(a) l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-funzjonament u l-iżvilupp tas-suq għat-titolizzazzjonijiet fl-Unjoni;

(b) il-kontribuzzjoni tat-titolizzazzjoni għal:

(i) il-finanzjament ta' kumpaniji u l-ekonomija tal-UE, b'mod partikolari dwar l-aċċess għall-kreditu għall-SMEs u l-investimenti;

(ii) l-interkonnettività bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju;

(c) jekk fil-qasam tat-titolizzazzjonijiet STS jistax jiġi introdott reġim ta' ekwivalenza għal oriġinaturi, sponsors u SSPEs ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward ta' rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali fil-qasam tat-titolizzazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi dwar titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u komparabbli;

(d) l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 22(4) u 26d(4) u jekk jistgħux jiġu estiżi għal titolizzazzjoni meta l-iskoperturi sottostanti ma jkunux self residenzjali jew self jew lokazzjonijiet għal karozzi jew, bil-ħsieb tal-integrazzjoni tad-divulgazzjoni ambjentali, soċjali u ta' governanza.

*Artikolu 2* **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*
*Il-President* *Il-President*

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA - AĠENZIJI**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..................................................... 4
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..................................................................... 4
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ........................................................ 4
1.3. Objettiv(i) ......................................................................................................... 4
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali .......................................................................................... 4
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi .......................................................................... 4
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ......................................................................... 4
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ................................................................................ 5
1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma': .......................................................... 5
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ....................................................... 5
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ........................................... 5
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, l-effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ............................................. 5
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ............................................ 6
1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ............................................................................................................ 6
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ........................................................................................................ 7
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha .............................. 8
1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) .................................................... 8
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ........................................................................................ 10
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ....................................................................... 10
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ........................................................................... 10
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ............................................................................................................ 10
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ........................................................................................ 10
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ................................................................................... 10
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ............................................ 11
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .......... 12

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 12
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 13
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 13
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 13
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 16
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali 17
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 19
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 19
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 19
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 19
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq investimenti relatati ma' teknoloġija diġitali 20
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 21
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 21
3.2.8. Riżorsi umani stmati u l-użu tal-approprjazzjonijiet meħtieġa f'aġenzija deċentralizzata 21
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 26
4. Dimensjonijiet diġitali 26
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali 26
4.2. Data 26
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 26
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 26
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 27

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata.

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Stabbiltà finanzjarja, servizzi finanzjarji u Unjoni tas-Swieq Kapitali

Attività: Swieq finanzjarji

### 1.3. Objettiv(i)

#### *1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

Din l-inizjattiva hija waħda mill-komponenti tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. Din il-proposta għandha l-għan li:

(1) terġa' tagħti l-ħajja lis-suq tat-titolizzazzjoni li se jtejjeb il-finanzjament tal-ekonomija tal-UE u

(2) issib bilanċ aħjar bejn is-sikurezza u l-iżvilupp tas-suq.

L-għan huwa li jinħolqu kundizzjonijiet u ambjent għal aktar self lill-ekonomija reali. Suq tat-titolizzazzjoni li jiffunzjona tajjeb se jinċentiva lill-banek biex ikunu aktar attivi fis-suq u fl-aħħar iwassalhom ukoll biex isellfu aktar lill-ekonomija.

#### *1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Din il-proposta għandha l-objettivi li ġejjin:

(1) It-tnaqqis tal-kostijiet operazzjonali għoljin għall-emittenti u għall-investituri b'bilanċ ma' standards robusti u proporzjonati ta' trasparenza, protezzjoni u superviżjoni tal-investituri;.

(2) It-tneħħija tal-ostakli regolatorji, li jippermettu lis-suq jiżviluppa b'mod aktar sostenibbli u reżiljenti;

(3) L-għoti ta' kontribut għall-isforz tal-Kummissjoni biex tnaqqas il-piż regolatorju fuq il-parteċipanti fis-suq.

It-titolizzazzjoni tista' tkun mezz importanti għad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u għall-allokazzjoni aktar effiċjenti tar-riskju fis-sistema finanzjarja tal-UE. Din tippermetti distribuzzjoni usa' tar-riskju tas-settur finanzjarju u tista' tgħin biex jiġu lliberati l-karti tal-bilanċ tal-banek biex jiżdied is-self lill-kategoriji differenti ta' aġenti ekonomiċi (eż. kumpaniji mhux finanzjarji, SMEs, individwi). B'mod ġenerali, tista' ttejjeb l-effiċjenzi fis-sistema finanzjarja u tipprovdi opportunitajiet akbar ta' investiment. It-titolizzazzjoni tista' tgħaqqad lill-banek u s-swieq kapitali b'benefiċċju indirett għan-negozji u għaċ-ċittadini (permezz ta', pereżempju, self, ipoteki u karti tal-kreditu inqas għaljin).

#### *1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-bidliet issuġġeriti se jerġgħu jagħtu l-ħajja lis-suq tat-titolizzazzjoni u jippermettu li t-titolizzazzjoni jkollha rwol fl-iżvilupp tal-Unjoni tat-tfaddil u l-investimenti u biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-piż u tal-konformità għall-emittenti u għall-investituri. Billi jindirizzaw il-kostijiet operazzjonali għoljin li xekklu lill-banek u lill-assiguraturi milli jipparteċipaw fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE, il-bidliet proposti se jikkontribwixxu għall-isforz tal-Kummissjoni biex tnaqqas il-piż regolatorju fuq il-parteċipanti fis-suq u tistimula l-iżvilupp tas-suq fl-użu tat-titolizzazzjoni. Fl-istess ħin, il-bidliet proposti se jkomplu jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni tal-investitur u tal-konsumatur.

1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-indikaturi li ġejjin se jintużaw biex jimmonitorjaw il-progress u l-kisbiet:

Il-monitoraġġ tal-kost tat-twettiq tad-diliġenza dovuta biex isir investiment fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

Il-monitoraġġ tal-kost tal-ħruġ li jirriżulta mir-rekwiżiti ta' rapportar.

It-traċċar tal-għadd ta' emittenti u investituri tat-titolizzazzjoni.

## 1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja[33]

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-proposta tippreżenta serje ta' simplifikazzjonijiet u rfinar biex ittejjeb l-effiċjenza fis-suq tat-titolizzazzjoni. Permezz ta' aġġustamenti u simplifikazzjoni mmirati, dawn il-miżuri huma ppożizzjonati biex isaħħu l-kapaċità tas-suq, jattiraw bażi usa' ta' investituri, u jħeġġu t-tkabbir ekonomiku—filwaqt li jżommu ekosistema finanzjarja reżiljenti u trasparenti. Il-bidliet huma mistennija li jagħtu spinta lill-kompetittività u lis-sostenibbiltà tal-Qafas tat-Titolizzazzjoni tal-UE, u b'hekk jixprunaw it-tkabbir għall-partijiet ikkonċernati kollha involuti.

